# IL-PULIZIJA



Vol. 6 No. 8




In 1975 Mid-Med Bank Limited was established to take over the business of Barclays Bank International Limited in Malta and Gozo. Barclays had originally taken over, 50 years earlier, the business of the Anglo-Egyptian Bank, which bank had been established in Malta since 1881! So, in reality, though we are only 10 years old, our foundations were laid over 100 years ago.

Since its formation in 1975 Mid-Med has increased Customers' Funds by 137% and Advances to customers by 88% – a truly remarkable growth!

Mid-Med Bank Limited

**HEAD OFFICE – 233 REPUBLIC STREET**
**VALLETTA**
**MALTA**

*The 10-year old Bank with over 100 years of experience*

IL-PULIZIJA

MARZU – APRIL 1987

Organu tal-Pulizija
Stampat fil-Union Press
Editur: PC 512 Martin Ellul
Bord Editorjali: Spettur N. Schembri; Spettur J. Agius; Surġent-Maġġur 419 A. Sciortino; Surġent-Maġġur L. Gray; Surġent 649 M. Saliba; Surġent 1303 G. Scicluna; Surġent 307 J. Calleja; PC 720 A. Borg.

KOPERTINA:

**IL-GARRETTA LI KIENET TINTUŻA MILL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA**

Ritratt tal-kopertina meħud minn PC 720 A. Borg.

## F'Din il-Ħarġa


Mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija .......... 2/4
Preżentazzjoni lill-Korp tal-Pulizija .......... 3/4
Firearms .......... 5/6
The History of Photography .......... 7/8
Imur l-Italja Għal Aktar Kura Medika .......... 9
Il-Garretta tal-Kummissarju .......... 10/4
Rasputin .......... 11
Bieb il-Belt minn ġewwa .......... 12
Driving Under The Influence of Drink and Drugs .......... 13/14
Paġna għan-Nisa .......... 15
Il-Pulizija u l-Eżerċizzi Fiżiċi .......... 16/17
Admissibility of Post-Hypnotic Testimony .......... 18
Paġna għat-Tfal .......... 19/20
Il-Maltin fil-Ġimgħa Mqaddsa .......... 21/22
Legal Notes .......... 23
Mid-Dinja Mużikali .......... 24
Kotba tal-Korp għall-Bejgħ fil-Librerija tal-Pulizija .......... 25
Sports .......... 26/27/28


***EDITORJAL***

# *RIJORGANIZZAZZJONI FIL-KORP TAL-PULIZIJA*

● *IL-PRIM MINISTRU, l-Avukat Karmenu Mifsud Bonnici, ftit tal-ġimgħat ilu meta kien qiegħed jindirizza meeting pubbliku qal li l-Gvern kien qiegħed jippjana biex jagħmel rijorganizzazzjoni fil-Korp tal-Pulizija u fl-Armata. Hu qal li lill-Pulizija jikritikha u jżeblagħha min irid jipprofitta ruħu meta jikser il-liġi u ħeġġeġ lill-poplu Malti biex lill-Pulizija jagħtuha kull għajnuna. Il- ħsieb tar-rijorganizzazzjoni, kif ġie rrapurtat li qal il-Prim Ministru, huwa biex il-Korp tal-Pulizija jkun imgħammar b'mezzi aktar moderni u effiċjenti biex ikun jista' jaqdi d-doveri tiegħu b'mod aktar effettiv u hekk issaħħaħ aktar il-fiduċja tal-pubbliku.*

*Rijorganizzazzjoni bħal din żgur li ġġib aktar titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħna. Matul dawn l-aħħar snin rajna progress kbir fil-Korp u meta wieħed joqgħod jikkonsidra x'mezzi kellu l-Korp qabel u x'mezzi għandu llum, żgur jgħid li huwa ferm aktar effiċjenti minn qatt qabel. Madankollu dan ma jfissirx li m'hemmx aktar lok għall-progress. Aktar ma jgħaddi żmien aktar ikun hemm bżonn ta' mezzi moderni biex il-Pulizija tkun tista' taqdi d-doveri tagħha u tkun aktar effettiva fil-ġlieda tagħha kontra dawk il-persuni li jiksru l-liġi. Progress fil-Korp tal-Pulizija jfisser li l-Pulizija se jkollha inqas tbatija fil-qadi tad-dmirijiet tagħha.*

*Meta kien qiegħed isir dan l-Editorjal, il-Board Editorjali ġie nfurmat mir-rappreżentant ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija li l-Gvern kien approva li l-ħlas ta' l-extra duty li l-Pulizija kienet għadha ma rċevietx u li dwaru kien hemm diskussjonijiet għaddejjin, għandu jiġi mħallas minnufih. Il-Board Editorjali huwa nfurmat ukoll li minn dawn il-flus se jibbenefikaw madwar 400 pulizija. Dan nilqgħuh bi pjaċir u għandu jservi ta' sodisfazzjon għal Assoċjazzjoni tal-Pulizija li, flimkien mal-Kummissarju, ħadmu bla heda tul dan iż-żmien biex dan iseħħ. Għandu jkun ta' kuraġġ għall-Assoċjazzjoni f'talbiet oħra li din tagħmel fl-interess tal-Membri tal-Korp.*

# MILL-ASSOĊJAZZJONI TAL-PULIZIJA

**•Kif ġie iffurmat il-kumitat tal-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' din is-sena, l-ewwel pre okkupazzjoni tiegħu kienet sabiex jagħmel aktar enfasi fuq talbiet li l-kumitat ta' qabel kienu ipproponew. Kif jaf kulħadd dawn it-talbiet ilhom li saru madwar sentejn u f'dawn it-talbiet l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija dejjem qagħdet attenta sabiex tkun kemm jista' jkun konformi mal-'Policy' tal-Gvern f'dak li jirrigwarda żieda fil-pagi. Għalhekk fit-talbiet tagħha l-Assoċjazzjoni enfasizzat l-aktar fuq dawk it-talbiet li bihom ħaddiema oħra ilhom snin li bdew igawduhom. Mhux għax aħna ma nħossux li hemm bżonn li ssir ''Reviżjoni tas-salarji'' altru hemm bżonn, iżda konna u nibqgħu prudenti fit-talbiet tagħna skond iż-żminijiet.**


*Rapport mis-Surġent*
**649 M. SALIBA**
*Segretarju,*
*Assoċjazzjoni tal-Pulizija*


Dan l-aħħar sar ħafna għajdut dwar ir-riorganizzazzjoni ġenerali fil-Korp u bdew jissemmew ħafna affarijiet li ma kienux jaqblu mat-talbiet li konn għamilna, nerġgħu intennu li mhux għax ma naqblux li hemm bżonn ta' dawn it-talbiet li l-Assoċjazzjoni tagħmilhom imma mhux il-mument li wieħed jagħmilhom. Dwar it-talbiet li l-Assoċjazzjoni għamlet suppost li kulħadd jaf bihom għaliex dawn ġew ippubblikati f'diversi ħarġiet ta' dan il-Magazine.

Fuq dawn it-talbiet l-Assoċjazzjoni kellha laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija fl-20.1.87 fejn ġew diskussi t-talbiet kollha li konna resaqna, tkellimna fuq talba waħda wara l-oħra u spegajna lill-Kummissarju r-raġunijiet tagħna dwar kull ħaġa.

Il-Kummissarju qagħad jisma' b'attenzjoni l-fehma tagħna fejn ukoll ta' l-veduti tiegħu. Nistgħu ngħidu li sibna ħafna appoġġ mill-Kummissarju li għamlilna kuraġġ kbir. Wara li tkellimna dwar dawn it-talbiet il-Kummissarju qalilna li se jibgħat dawn it-talbiet lill-Prim Ministru flimkien ma' talba tagħna sabiex inkunu nistgħu niltaqgħu miegħu. Aħna ninsabu ħerqana sabiex inkunu nistgħu niddiskutu l-problemi tagħna mal-Prim Ministru.

Wara l-Kummissarju tkellem magħna dwar diversi punti li tqajmu matul d-diskussjoni li kellna u dawn kienu jinvolvu diversi suġġetti li tajjeb wieħed isemmihom f'dan l-artikolu. Wieħed mis-suġġetti li qajjiemna aħna kien dwar l-'Off Duty', dan għaliex f'ċerti distretti u sezzjonijiet qiegħda ssir id-drawa li meta individwu jkollu bżonn jikteb ġurnata leave, u din tinzerta 'Off Duty' dan qiegħed jitlef id-dritt ta' l-'Off Duty'.

Dan kien qiegħed imur kontra l-istruzzjonijiet tal-Kummissarju fejn f'Ċirkolari li kien ħareġ fl-1983 kien spjega ċar li f'dan il-każ l-'Off Duty' ma jintilifx.

Waqt li konna qegħdIn nitkellmu fuq l-'Off Duty' issemmiet ukoll il-proċedura preżenti li sabiex wieħed jieħu l-'Off Duty' tiegħu dan għandu jaħdem għalih, mill-anqas jumejn. Aħna spjegajna li ma naqblux ma din il-ħaġa, għaliex din teżisti biss fil-Korp tal-Pulizija u fl-ebda dipartiment ieħor. Spjegajna li għal din il-ħaġa anke fl-'Estacode' ma ssemmi xejn sabiex wieħed jkun intitolat għal 'Off Duty' tiegħu hemm bżonn jaħdem jumejn minn qabel. Kull ma hemm imsemmi, huwa dwar meta impjegat jidħol mis-Sick Leave u dan għandu jibda minnufih ix-xogħol tiegħu għalkemm ma nafux kemm din issir fil-prattika.

Fuq dan is-suġġett il-Kummissarju talabna sabiex nagħmlu rapport bir-rakkomandazzjonijiet tagħna.

Wara l-Kummissarju spjega li kienet ix-xewqa tiegħu sabiex nagħtu l-veduti tagħna dwar jekk għandiex tiġi ntrodotta skema fejn tingħata ''Recognition'' Uffiċjali dwar atti ta' kuraġġ u kondotta tajba u ta' servizz lill-Membri tal-Korp tal-Pulizija fuq dan il-Kummissarju qal li kien diġà iddiskuta fit-tul fejn anke talab l-idea ta' Uffiċjali oħra tal-Korp tal-Pulizija u anke saret korrispondenza ma' Korpi oħra ta' pajjiżi differenti. Il-Kummissarju xtaq lill-Assoċjazzjoni sabiex tistudja dawn ir-rapporti u tagħti l-veduti tagħha, għal dan offra l-għajnuna tiegħu billi anke tagħna aċċess għal xi ''files'' fuq dan is-suġġett.

Wieħed mis-suġġetti li tkellem dwaru l-Kummissarju kien il-''General Fund'' fejn spjega li minn mindu ġiet introdotta l-iskema ta' għotja ta' elf lira lid-dipendenti ta' dak il-Membru tal-Korp li jmut waqt li jkun għadu iservi fil-Korp, il-fondi naqsu mhux ħażin peress li disgrazzjatament s'issa mietu tlettax-il membru li kien numru għoli ħafna aktar minn qabel. Dan kellu jagħmel tajjeb għalihom il-''General Fund'' li flimkien ma spejjes oħra wassal sabiex ir-riservi jonqsu sew. Il-Kummissarju kompla jispjega li jekk jibqa' ma jsir xejn din l-iskema kontra qalbu jkollu jwaqqafha. Aħna weġibna li ma naqblux li din l-iskema għandha tieqaf għaliex l-iskop tagħha huwa wieħed ta' benefiċċju kbir għad-dipendenti tagħna. Il-Kummissarju semma li sabiex jikber il-''General Fund'' hemm bżonn li tiżdied il-kontribuzzjoni mill-Membri tal-Korp. Aħna fl-istadju tal-mument ma naqblux li din għandha tiżdied mill-Membri tal-Korp direttament iżda nistudjaw hemmx xi risorsi oħra. Aħna wkoll tlabna sabiex ningħataw aktar tagħrif dwar il-''General Fund'' biex b'hekk inkunu nistgħu nispjegaw fid-dettal is-sitwazzjoni lill-Membri tagħna.

Il-Kummissarju għall-ewwel darba fl-istorja ta' dan il-Fund, tagħna l-faċilitajiet sabiex naraw fid-dettal il-kotba ta' dan il-Fund, mhux għaliex għandna xi dubju mit-tmexxija tiegħu iżda sabiex inkunu aktar f'pożizzjoni li nagħtu r-rakomandazzjonijiet tagħna sabiex insaħħuh.

Il-Kummissarju semma wkoll il-Police Social Club li minkejja li

*•Ikompli f'paġna 4*


SZJ
Sergio Zampa Jewellery
159, St. Lucia Street,
Valletta.
Tel: 229515


telemalta
corporation
Crosses the Atlantic via Satellite

# PREŻENTAZZJONI LILL-KORP TAL-PULIZIJA

**Dan li ġej huwa t-text ta' dak li qal is-Sur Richard A. Matrenza DPE (Oxon), FRES, MIM, Konsulent Industrijali u Speċjalista fir-Relazzjonijiet Industrijali waqt għotja ta' flus lill-Kap tal-Pulizija, f'isem il-Korp tal-Pulizija fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Furjana nhar l-Erbgħa, 4 ta' Frar, 1987.**

Dr Pullicino,
Kummissarju tal-Pulizija

Membri tal-Korp,

Din tal-lum hi ċerimonja qasira iżda sinifikattiva.

Minn ċkuniti trabbejt nirrispetta 'l pulizija. Tlajt u kbirt inħares lejn il-pulizija bħala ħabib. Gwardjan tas-soċjetà. Wens taċ-ċittadin li jrid igħix sewwa.

Mill-Pulizija irid u għandu jibża' biss min jikser il-liġi.

Jiena l-Pulizija ma tbeżżgħanix wara biebi għaliex m'għandix x'naħbi. Jistmerr il-pulizija min għandu għaliex jinkwieta.

Meta, matul dawn l-aħħar snin, fil-korp u fit-trawwim tal-membri u ta' l-uffiċjali tal-Korp il-Kapijiet riedu jdaħħlu iktar sistemi progressivi u kif għandu jsir it-taħriġ, inħasset il-ħtieġa illi jiġu mistiedna nies barra l-Korp, speċjalisti fis-suġġetti tagħhom, biex jagħtu lectures u tagħlim lir-rekluti, u lil dawk diġà fil-Korp li jixtiequ javvanzaw billi jistudjaw.

Meta l-Kummissarju tal-Pulizija stedinni biex nagħti s-sehem tiegħi jiena aċċettajt bil-ferħa. Għamilt kundizzjoni waħda! Illi l-ħlas tal-Lectures nerġa' nagħtihom lill-Korp tal-Pulizija biex imorru fil-fondi tal-korp u jintużaw għal aktar taħriġ u tagħlim. Anzi llum nixtieq nagħmel suġġeriment dirett illi l-parti l-kbira ta' din l-għotja għandha tmur biex tinbena u tissaħħaħ librerija speċjalizzata fl-iskola l-ġdida tat-Taħriġ għall-Pulizija f'Ta' Kandja.

Dan għamiltu u qed nagħmlu mhux għax jien tant tat-tajjeb illi m'għandix bżonn il-flus iżda il-għaliex irrid nuri fiduċja sħiħa u solidarjetà soda fil-membri tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta.

L-ebda soċjetà mhi perfetta.

U huwa proprju għalhekk illi lkoll kemm aħna għandna naħdmu flimkien, b'mod kollettiv,

*•Ikompli f'paġna 4*



*Is-Sur Richard Matrenza jippreżenta ċ-cheque lill-Kummissarju tal-Pulizija Dr. L. Pullicino fil-Headquarters tal-Pulizija.*

## IL-KUMMISSARJU JIRRINGRAZZJA

**Il-Kummissarju filwaqt li aċċetta din il-kontribuzzjoni għan-nom tal-Korp, irringrazzja lis-Sur Matrenza mhux biss ta' l-għotja tiegħu imma wkoll ta' l-interess u dedikazzjoni li dejjem wera fil-lectures tiegħu lill-membri tal-Korp.**

**Il-Kummissarju ngħaqad max-xewqa tas-Sur Matrenza illi l-Korp tal-Pulizija jistħoqqlu jgawdi l-appoġġ tal-pubbliku kollu għaliex kulħadd, f'xi żmien ta' ħajtu, jiġi bżonn is-servizz tiegħu. Dan jixhdu l-motto tal-Korp "AD COMMODUM POPULI" li tfisser "Għal qadi tal-poplu".**

## PREŻENTAZZJONI LILL-KORP TAL-PULIZIJA

*•Ikompli minn paġna 3*

biex it-tajjeb tagħna dejjem inżiduh u fejn għandna xi ħażin, xi għelt, xi difett, nagħmlu ħilitna biex nirranġawh.

Il-ħażin mhux li xi darba xi ħadd jiżloq.

Dan jagħmlu u għamlu kull bniedem miż-żerniq tad-dinja sew jekk kien kbir kif ukoll jekk kien żgħir.

Il-ħażin huwa meta u jekk dak li jkun żelaq jibqa' jitkaxkar u jitqalleb fil-ħażin tiegħu.

Bħal f'kull korp ieħor dixxiplinat u serju fil-Korp tal-Pulizija ma hemmx lok għal min mhux lest biex jitgħallem din il-lezzjoni.

Jiena fiduċjur illi hemm bilwisq aktar minn dawk li huma serji fil-Korp tal-Pulizija milli xi waħdiet li forsi għadhom ma fehmux il-veru dmir u dover tal-Pulizija fis-soċjetà.

U huwa għalhekk illi jiena llum qiegħed nuri pubblikament din issolidarjetà u l-fiduċja sħiħa li għandi fil-Korp Malti tal-Pulizija.

Huwa għaldaqstant Sur Kummissarju, illi f'isem il-Korp kollu qed nitolbok tilqa' dawn iċ-ċekkijiet ta' flus għall-ammont ta' Lm93.00,0 li jiena minn qalbi u b'konvinzjoni qed nirregala lill-Korp li inti tmexxi b'tant ħerqa għall-ġid tas-soċjetà kollha Maltija.

RICHARD A. MATRENZA
L-Erbgħa, 4 ta' Frar, 1987

# Mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija

*•Ikompli minn paġna 2*

sar ħafna xogħol fih sabiex jkun jista' jiġi attrezzat mill-aqwa dan ftit li xejn ġie frekwentat mill-Membri tal-Korp, u għalhekk minħabba f'hekk jkollu kontra qalbu jagħlaq dan il-post li minn dejjem kien il-ħolma ta' sħabna. Aħna min-naħa tagħna qatt ma xtaqna li dan il-post jagħlaq anzi sostnejna li dejjem urejna appoġġ għat-twaqqif tiegħu fejn anke segwejna mill-qrib il-progress li kien qiegħed isir fit-twaqqif tiegħu.

Waqt il-laqgħa li kellna mal-Kummissarju ssemmiet id-data ta' l-10 ta' Frar li minn din issena l-Gvern iddikjara bħala btala pubblika fejn aħna spjegajna li l-entitlement tal-Vacation Leave tal-membri tal-Korp tal-Pulizija huwa skond in-numru ta' Public Holidays, tlabna sabiex il-ġranet tal-Leave issa għandhom jiżdiedu b'ġurnata oħra biex b'hekk jiġu konformi ma' dawk ta' ħaddiema oħra. Il-Kummissarju qabel ma din it-talba mill-ewwel u fil-fatt fi ftit ġranet wara ħarġet l-ordni sabiex il-leave tagħna jiżdied b'ġurnata oħra minn din is-sena.

Ta' minn isemmi li din il-laqgħa li saret mal-Kummissarju kienet waħda kordjali ħafna fejn id-diskussjonijiet kienu mill-aktar miftuħa. Aħna sibna lill-Kummissarju jagħtina l-appoġġ kollu tiegħu sabiex jara li t-talbiet ġusti tagħna jiġu milqugħa.

Waħda mit-talbiet tagħna kienet sabiex l-Ordinanza tal-Pulizija li kienet ġiet ippubblikata 1961 tiġi emendata għaż-żminijiet tal-lum. Dan huwa meħtieġ għal ġid sew tal-Membri kif ukoll għat-tmexxija aktar effiċjenti tal-Korp. Għalhekk fit-3 ta' Frar ta' din is-sena saret laqgħa bejn l-Assoċjazzjoni u d-deputat Kummissarju tal-Pulizija Anthony Mifsud Tomassi fejn ġew diskussi xi punti dwar proposti mill-Assoċjazzjoni. Dawn il-proposti jiġu studjati minn Board Ad-Doc li ġie mwaqqaf għal dan il-għan.

Is-sinifikat ta' din it-talba huwa aktar minn sempliċi talba għaliex għall-ewwel darba l-membri tal-Korp se jkollhom iċ-ċans li jagħtu s-suġġerimenti tagħhom fit-twaqqif ta' Ordinanza li tirregola l-eżistenza tal-Korp li aħna napartenu. Għalhekk minn din il-paġna nħeġġu lill-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija sabiex jekk ikollhom suġġeriment x'jagħmlu dwar it-tfassil ta' l-Ordinanza ġdida dawn għandhom jagħduhom lill-Assoċjazzjoni. Kull membru tal-Korp jista' jistudja l-Ordinanza preżenti li faċli wieħed jara permess tal-Legal Handout (1) wieħed li ħarġet fil-11.1.86. Huwa fl-interess ta' kull wieħed minna li jara li l-Ordinanza tal-Korp tal-Pulizija għandha tkun waħda xierqa.

Nixtieq li kull membru tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta jkun kburi li jservi f'dan il-Korp billi jaqdi dmiru bl-akbar onestà u fedeltà mill-aħjar li jista' għaliex b'hekk biss nistgħu nitolbu bi dritt li jkollna kundizzjonijiet ta' xogħol aħjar.

Bħalma dejjem qdejna dmirijietna tajjeb fil-passat, għandna nagħmlu dan fil-futur, u b'hekk b'wiċċna minn quddiem inkunu nistgħu nitolbu li nirranġaw l-kundizzjonijiet ta' xogħol li ninsabu fihom għal ġid tagħna stess.

Fis-6 ta' April 1987 kellha ssir il-laqgħa tant mistennija mal-Prim Ministru iżda hawnhekk ixxorti ma kellhiex tkun magħna għaliex dik il-ġimgħa l-Prim Ministru kellu jsiefer malajr fl-Alġerija u l-Italja fuq xogħol tal-Gvern, għalhekk il-laqgħa kellha tiġi differita.

Fl-14 ta' April saret laqgħa oħra mal-Kummissarju fejn spjegalna illi fl-istadju tal-mument mhux possibbli li ssir laqgħa mal-P.M. minħabba l-elezzjonijiet ġenerali tal-pajjiż jinsabu fil-qrib, iżda l-Kummissarju ddiskuta t-talbiet li l-Association għamlet mal-Prim Ministru fejn dan wiegħed li ħafna mit-talbiet tagħna għandhom jiġu diskussi f'aktar dettal u dwar it-talba tagħna għal ħlas tal-Extra Duty tal-1983 ġiet milqugħa.

## APPELL

Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta qiegħed jippjana u jaħdem fuq proġett sabiex jiġi mwaqqaf

**MUŻEW TA' OĠĠETTI U STORJA TAL-KORP TAL-PULIZIJA**

fejn jiġu esibiti materjal, ta' liema natura jkun, li għandu x'jaqsam ma' l-istess Korp.

Għalhekk, nistiednu lil dawk kollha li għandhom xi oġġetti, bħal Ritratti Qodma, Dokumenti, Midalji, Badges, Ilbies eċċ., li jistgħu jirregalawhom, jew jisilfuhom ħalli nieħdulhom ritratti, sabiex jagħmlu dan, biex il-Mużew jiġi attrezzat kif inhu xieraq.

Min igħin f'dan ir-rigward, ismu jitniżżel f'Album ta' Tifkira fis-Sala ta' l-Esibiti.

Nirringrazzjawkom minn issa.



# FIREARMS

By
P.S. 1315
E. SAMMUT
(BALLISTICS UNIT)

PART 4

**Webley-Green Models**

This important line of revolvers was always known as 'W.G.' and they ran in a series from 1882 to 1896, with manufacture continuing beyond the last date. In general terms, they can be divided into three groups, and that is how they will be described here; EARLY MODELS, TARGET MODELS and ARMY MODELS. The contribution made by Edinson Green was the barrel fastening, which was a pivoted stirrup and is the type still used on modern revolvers. Although this has been an important feature of all Webleys since 1883, it does not seen as though Green got the recognition he deserves for inventing it.

**EARLY MODELS**

**Webley-Green Model 1882**

Webley-Green Model 1882. Known as the 'W.G.' series, these revolvers were very much the first actual Webley design of a break-action, simultanoes-ejection system. They contained elements of previous Webley production, as one might expect, and were in many ways a conbination of all the better elements of the revolvers that Webleys had made up to that time. In general design, the 'W.G.' was much like the Kaufmann series, and it had the Kaufmann action, but the cyclinder and its release was taken from Webley-Pryse, Wilkinson-Webley and Enfield. The birds' head but was retained, so was the flat lanyard loop, but the best recognition feature of the 'W.G.' is the cyclinder fluting. This is angular in form, and much less attractive than the usual half-round shape. This first Model was chambered for the ·455/·476 black powder rounds in a six-chambered cyclinder, and a 6 inch barrel.

**Webley-Green Model 1885**

For 1885, the cyclinder release was changed from the Pryse nut to a larger slotted nut that could be turned with a coin. The extractor was altered in small ways also, so that it became more of an original Webley design than an amalgam of others. The calibre and barrel were unchanged, so that the differences between this and the 1882 version are not immediately apparent.

**Webley-Green Model 1889**

The 1889 model changed the shape of the butt from the bird's head, but left all other aspects of the revolver as they had been on the two previous versions. The change was brought about by cutting through the front and back straps and brazing on the revised shape. This new shape was a flared butt with a wide base. For these heavy revolvers, it is a much practical idea, and gives better control and grip. These revolvers were found to be very good target weapons, and some were made with 7½ inch barrels and improved sights. All the 1889 models were stamped on the left side of the barrel extension with the mark 'W.G.' Model 1889, whereas the other two models were only stamped 'Webley Patents', 1889 was the first year that the company stamped the date on its' revolvers.



*Webley ·455 W.G. 1889.*



*Webley ·455/476 W.G. Army Model 1894.*



*Webley ·455/476 W.G. Army Model 1894 with Flared Butt.*

**Webley-Green Model 1892**

For 1892, the calibre was reduced to ·455 and the barrel standardized at 7½ inches; the flared butt was retained. Substantial changes were made to the action, the cartridge extractor and the cyclinder release, the principles of which have been retained in Webley revolvers ever since. The cyclinder release which was patented in 1891 allows for manual release of the cyclinder when the revolver is open, but automatically looks it in place as it closes. The cam and lever for operating this system are screwed externally to the left side of the barrel lug and, with slight

•READERS of this series about FIREARMS are kindly asked to note that the article appearing on page 11 in the January/February 1987 issue of this magazine, was inadvertedly misplaced with that of page 10.

# FIREARMS

variations, have been a Webley recognition feature for the last eight years. A change in the shape and action of the pawl ensued that the hammer was now lifted up instead of being pushed, when the weapon was cocked by the trigger. These models were primarily for target shooting, and it was intended that the customer should fit whatever sights he needed; the standard version had a fixed foresight and a U back-sight with allowance for lateral adjustment.

**Webley-Green Army Model 1892**

A fairly rare model was also introduced in 1892, which can be regarded as the first of the 'W.G.' Army series. In many ways, this 1892 model was the 1882 model brought up to date. It used the same 6 inch barrel in ·476 calibre and the birds' head butt, together with fixed sights, but is incorporated the improved cyclinder release and action of the target version of 1892.

**Webley-Green Target Model 1893**

This model incorporated only one change from the previous year. It had a flat-faced hammer, and a small spring-loaded striker set in the standing breech. The precise reason for this change is not clear, and it did not survive for long. Another change was that this was to be the last year in which the year of manufacture was stamped on the weapon. Perhaps the various retailers had complained that the age of their stock was too easily identified, or there may have been other, more cogent reason; but whatever the reason, it further increases the difficulties of the present-day weapon researcher. This revolver was the last to be fitted with the angular cyclinder grooves which are the identifying mark of the early years.

**TARGET MODELS**
**Webley-Green Target Model 1896**

From now on, the 'W.G.' Target revolvers were more or less fixed on the 1892/3 design, with only very minor variations. The outward difference between these and the early series, lies in the cyclinder fluting which is now rounded in section, though individual models carried other minor machining differences from time to time. The 1896 model was chambered for ·455/·476 and had a conventional hammer.

**Other Webley-Green Target Models**

The production of target revolvers was a continuous process with Webley, and they were made to special order, usually using the existing model as a base for the design. It appears that the 1896 model was also made with a 9½ inch barrel, and certainly one revolver still exists which had a 4 inch barrel, yet it is engraved 'W.G. TARGET MODEL'. The calibre was usually ·450/·455, as this was a calibre of ammunition in which some regularity was being achieved, and whose performance could be guaranteed to close limits.

These target revolvers were nearly all sold in individual cases or boxes, and were ment to be treated with considerable care and respect. They had no holster guide, but all had a lanyard loop in the butt. In 1889, the standard TARGET Revolver sold for £9 os. od., exactly. Nickel plating cost an extra 8s. 0d. The price would have been about 7 times the weekly wage of the highest skilled man in the factory, and it compares reasonable well to the proportionate increase in prices and wages today.

**Army Models**

Army models were made at the same time as the target versins, and the two employed the same improvements and changes. We have already shown how the 1892 Army Model was very similar in its internal workings to the Target Revolver of the same year, despite its use of ten year old frames and butts. One main difference between target and army models lay in the use of a replaceable firing pin hole for the Military piece. This was achieved by a screwed bush with the firing hole drilled down the centre. All army models had six inch barrels and fixed sights, and were made in the three calibres, ·450, ·455



*Webley-Green ·22 Conversion.*



*Webley ·455 W.G. Target Model with a 7½" Barrel.*



*Webley ·32 Pocket Hammerless with Safety Catch.*

and ·476. They not only fired the commercial range of ammunition, but took the enfield cartridges also. The Webley ·455 cartridge was excepted for service use in 1891, and the ·476 Enfield round became obsolete on that date, although it continued in use for many years after. However, ·455/·476 revolvers were stamped with these calibres on the left of the barrel that they could accept both types.

The three clearly idintifiable Army models were produced in 1892, 1894 and 1896. The first two have already been described in general terms. The 1896 model continued the same pattern, though it was sold with a flared butt for most of the production, but was otherwise virtually unchanged from the others. The use of the different model numbers when there is so little change to justify it, makes for confusion when identifying a particular piece, but is was probably done in an attempt to help sales, in a fierecely competitive market, and it may have been related to some sort of batch production system.

•*Continued on page 28*

# THE HISTORY OF PHOTOGRAPHY

**By MARIO SCHEMBRI** PART 8

**COLOUR PRINTING**

Some modern colour processing is almost as easy as the black and white. After exposing under the enlarger the colour paper is processed either in a colour print drum or a colour processor. But various modern methods varies, some makes are a one bath process other take three baths. Other ultra modern (but not reliable) method is that the colour paper is developed by sprayed development and sprayed bleach-fixing. There are two systems in colour printing:

**The additive method:** When the three primary colour overlap each other they produce the three suplimentary colours plus the white.

**i.e.** When RED overlaps the BLUE, it produces MAGENTA.

When BLUE overlaps the GREEN, it produces CYAN.

When GREEN overlaps the RED, it produce YELLOW. When the three primaries and the three secondaries or suplimentaries meet, WHITE is produced.

**The Subtractive method:** When the three suplimentary colour overlap each other they produce the three primary colours plus the BLACK. **i.e.** When YELLOW overlaps the CYAN, it produce GREEN.

When YELLOW overlaps the MAGENTA, it produce RED.

When MAGENTA overlaps the CYAN, it produce BLUE. The three primary and the three suplimentary colour produce Black when they meet, or rather when overlap.

The subtractive principle is that upon which nearly all workable colour process are based, in photography as well as graphic arts.

In additative system, the additative filtering is produced by means of colour head on the enlarger condenser housing, between the light source and the lens. While in the substractive method the filtering is produced by means of filters, through the filter drawer, between the enlarging lens and the light sourse; also a heat absorbing filter must be added to serve as a heat dissipation and prevent the valuable negative from becoming overheated resulting in curling and the negative might be damaged.

**LASER**

Light Amplification by Stimulated Emission of Radiation.

Light source emitting continuous or intermittent light pulses in the form of coherent waves of great concentration and intensity. Also known as **Optical Maser.**

The light produced is extremely pure in cölour: its line width is less than 0.03 A-narrower than any known spectral standard. The light waves are coherent that is unitedor bonded together: instead of the usual random or scattered radiations, they radiate in phase and so can be controlled like radio waves. Output emitted in a 5-mm wide beam, diverging by less than 0.5 deg. At 10 KW, this is some 5,000,000,000 times brighter than the light of the same wavelength in a similar beam from the sun. Due to its coherence it can be focused to a spot of only 10-8 sq. cm. Lasers may be solid, liquid or gaseous and may operate at low absolute temperature. The first and commonest laser comprises of a synthetic ruby rod (aluminium oxide containing chromium), with silvered ends, pumped by electronic flash. This excites the chromium atoms, which emit red light of 0.05 A bandwidth. Liquid lasers contain banzene or other organic ring liquids.

**THE USE OF LASERS IN PHOTOGRAPHY**

The laser's frequency may eventually include the whole visible spectrum, leading to variable tuning and bandwidth, besides light amplification. This offers the photographer a powerful cool light source, tunable to single pure colours or wide mixtures. Available in flash or continuous form, the narrow beam can be condenesed to a minute spot. The high speed intensity microsecond flash will assist high speed photography and may even make astronomic flash exposures possible, while the spectral purity of the light may make safelights and filters unnessary. N.B.: Lasers are still in their infancy and their usefulness depends on future developments.

**VIDEO**

In 1951, Charles Gins Berg developed the video tape recorder (VCR) for the Ampex Company, Basically the video tape recorder uses a magnetic tape to record and reproduce not only audio signals but also visual signals as well. The conbined signals can be amplified and finally reproduced on a television receiver through a Cathode Ray Tube (CRT). Or back projected on a large screen. Thus given the appropriate name of the Latin verb as derived from vidi and visum, video means to see, to look at or to understand by seeing and hearing.

In the video cassette recorder the two sets of pulses, the line and field are extracted from the video signal and all used to drive the line and field scanning circuits. The scanning (line) rate in Malta-PAL is 625 lines colour TV is 15.625 KHz and the scanning (field) rate is 50 Hz. and 312.5 lines per vertical scan. So a complete television picture is produced every 1/25 of a second or 40 ms. In Malta the CCIR-Comitè Consultatif International desRadio – communication – is Standard B which is the bandwith of a complete TV is 7MHz, with upper side band 5.5 MHz and lower 1.25 MHz and sound signal 15 KHz. The sound carrier is located 5.5 MHz. above vision carrier. But to develop the video tape recorded without being able to produce original film on tape will be ridiculous. So again the

# THE HISTORY OF PHOTOGRAGHY

Colour Video Camera was developed. Thus having the amateurish or professional equipment we know today.

The heart of any video camera is the tube. Which turns the incoming light into an electric signal. Although many different types of camera tubes exist, all domestic types employ a tube called VIDICON. This tube can be incorporated with a microphone. As they are both transducers which converts light and sound into electrical voltages. It is the smallest of the various types of television tube and is well suited to portable cameras. Video colour cameras are of either Vidicon, Newicon or three seperate Vidicon tubes – for each primary colour band. The Vidicon tube is energised by means of a power-pack in the camera itself or a battery belt pack.

## SIX VIDEO SYSTEMS

The six existing video systems come in different shapes and sizes: The VHS system; The Betamax system; The U Matic system; The VRCR 2000 system; The Longitudinal Video Recorder system and the 8 mm Video system.

V.H.S. – Video-Home System. Uses a half inch Conventional Helical-Scan tape.

Betamax or Betacord-Uses the same half inch Conventional Helical-Scan tape as the VHS but rolled in a smaller plastic cassette.

U Matic – The professional VCR of all formats. Uses 3/4 inch Conventional Helical-Scan tape. The U Matic tapes come in two different classes: the KCS-20 mins and the KCA-one hour.

VRCR 2000-Video Reversal Cassette Recorder. It is still not very popular even after a decade of its introduction which has the recording time of twice four hours and uses a reversal cassette tape.

Longitudinal Video Recorder-This LVR (VRS) was short lived and its only advantage over the old VHS was that it can record a pre-recorded tape of four hours in a couple of minutes instead of the initial time. Looking like a VRS or Betamax mains operated VTR. This system comes in both UK PAL and American NTSC. It employs 300 parallel tracks each running at 24.6 secs. No take-up spool is used as the tape comes with a leather length and taken up by the VTR like an automatic cine projector. A very high speed (tape to head) is used and as the video head is fixed this is done by running the tape at 4 meters per second. The 3 hour tape is divided into 72 parallel trcks each 100 micro-meter wide. So this uses a 600 m track (3 hour) in 150 seconds. An automatic system changes directions and head scan the next track when the end of a tape is reached. This process carries on until all 72 tracks are full.

8mm Video system (8 VS) – This Camcorder is very compact, very smart and lighter than normal. A 600 meter of tape 8 mm wide and 8.5 micrometer thick can be rolled in a few centimeters long compact cassette tape.

## COLOUR SYSTEM USED LOCALLY

Each of these formats work on PAL; Secam or NTSC. PAL – Phase Alternating Line, which is 625 lines to form a picture on 50Hz. The colour system used in Malta, Britain and most of West of Europe and Australia, most of S. Africa and parts of China.

SECAM – Sequential Couleur Avec Memoire, which is 625 lines to form a picture on 60 Hz. The colour system used in France, USSR and some of the Arab States, Greece and Turkey.

NTSC – National Television System Committee, which is 525 lines to form a picture on 60 Hz. and line frequency of 15,75 KHz. The colour system used in USA, Canada and Japan. Record shows that the VHS Video system is the most practical, trouble free and popular of all the other six systems.

A pre-recorded VHS cassette purchased in the USA cannot be played on a UK VTR, due to the American tape has been recorded to the NTSC 525 lines/60 Hz field, and not even run at the correct speed in a UK VTR. A pre-recorded VHS cassette purchased in France which was recorded in Secam on 625 lines/60 Hz field and played on a UK VTR, only a Black and White picture will be produced. This is because the line standards are the same for the PAL and Secam. Only the line frequency is different. A Secam tape cannot be played on an NTSC machine and vice-verse.

## TWO CONVERSION METHODS

To overcome this standard line problem, a standard conversion machine is needed. There are two methods of turning NTSC 525 lines into PAL 625 lines and vice-versa.

1 – Optical method, that is basically playing the tape on an NTSC outfit and shooting the monitor with a PAL camera. The result from broadcast standard installations of this type is quite good but there are considerable problems to overcome such as the colour balance and the picture jumps.

2. – A better way of conversion is to employ a Digital Standard Converter. Which breaks down the picture into digital form, stores it in a memory and reads it out at a different line standard as desired. Extra lines from 525 to 625 lines can be generated by repeating the existing ones or omitted from 625 to 525 lines as required. The result is excellent but the price is very high.

So the U Matic format machine 3/4 inch tape head was designed to record and play-back PAL tapes to replay only on NTSC machines.

The JVC produced dual standard TV receiver VTR, where it could play PAL, Secam and NTSC. Then came the Sony U Matic 2060 which records both PAL and Secam signals and plays them back as well on NTSC 4.43 signals. Suitable triple standard monitor are also available. However the U Matic recorders are not suitable for domestic use. The Beta format VTR, will record Secam and PAL signals and replay them as well as replaying the NTSC ones.

# GEORGE BARTOLO

## GENERAL MERCHANT

## IMPORTS & STOCKISTS

***MEMBER OF ASSOCIATED DISTRIBUTORS***

**10, MILE END STREET – ĦAMRUN**

**TEL: 628620 – 225180**

***General & Foodstuffs Wholesaler***

☐ A.D.L. JAM PRODUCTS

☐ HANS STEINHAUSER CHEESES, PEPATO, ROMANO, KEFALOTIRI

# ALFRED CACHIA

## GENERAL MERCHANT

## IMPORTS & STOCKISTS

MEMBER OF ASSOCIATED DISTRIBUTORS

23,24, 27 SPENCER HILL, MARSA

TEL: 227422

- ***S I L Non-Scratch Scouring Powder***
- ***A.D.L. Jam Products***
- ***HANS STEINHAUSER Cheeses***

# THE GREAT LITTLE CUBE

AVAILABLE IN

**BEEF** **or** **CHICKEN**







*Trade Enquiries:* **J. PSAILA MANCHÈ & SON LTD.**

**259, ST. URSULA STREET, VALLETTA**

**TEL: 626500 – 222977**

# Sliema Stamp Shop

## 93, Manwel Dimech Street, Sliema – Malta

**TELEPHONE 342189**

- Publishers of the J.B. Catalogue of Malta stamps & postal history. Available at Lm1 from the above address or leading stamp dealers and stationers.
- New issue service for Malta and all countries available. For details please write to us.
- We specialise in Malta stamps since 1860 and postal history. Price list will be sent on request.
- We stock a wide range of philatelic, coin, postcard and cigarette cards accessories.
- We always want to buy stamp collections, postcards, old letters and cigarette cards.



**Is-Suprintendent M. Borg ma' Godfrey Cassar u s-Sinjura tiegħu, fl-ajruport ta' Ħal-Luqa.**

# Godfrey Cassar imur l-Italja għal aktar kura medika

•Godfrey Cassar wieħed mill-Pulizija li kien safa mweġġa' gravament fi splużjoni ta' bomba fl-Għassa ta' Tas-Sliema waqt li kien qiegħed jaqdi dmiru, dan l-aħħar ħalla Malta u mar l-Italja għal aktar kura medika. Huwa telaq minn Malta flimkien mal-mara tiegħu Carmen nhar id-19 ta' Frar, 1987 u mar Bologna.

Mitlub jikkonferma, Godfrey Cassar qal li meta wasal fl-ajruport ta' Fiumicino ġewwa Ruma kien mistenni minn uffiċjal għoli tal-Pulizija Taljana. Il-laqgħa kienet waħda kordjali ħafna u baqgħu flimkien sakemm Godfrey u l-mara tiegħu reġgħu qabdu ajruplan ieħor għal Bologna. Meta wasal Bologna huwa ġie akkumpanjat sal-hotel fejn kellu joqgħod u wara żar l-isptar fejn aktar tard kellu jiġi eżaminat.

Godfrey qal li ma hemmx dubju li l-'Istituto Ortopedico Rizzoli' huwa wieħed mill-aħjar sptarijiet li hawn fl-Ewropa. Fil-fatt dan l-isptar jispeċjalizza biss fl-għadam. Huwa qal li hemm huwa ġie eżaminat mill-Professur Zanecchi u qawwielu qalbu ħafna. Huwa magħruf li din kienet l-ewwel fost numru ta' żjarat li Godfrey Cassar mistenni li jagħmel f'dan l-isptar għal aktar kura medika.

Godfrey Cassar xtaq jirringrazzja lil kull min għen biex huwa seta' jmur barra minn Malta biex jirċievi din il-kura speċjali. Huwa xtaq li permezz ta' dan il-magazine jwassal ir-ringrazzjament tiegħu lill-Kummissarju tal-Pulizija, li permezz ta' uffiċjali għolja tal-Pulizija Taljana kien strumentali biex Godfrey seta' jmur barra minn Malta u jirċievi l-kura meħtieġa. Il-Board Editorjali jingħaqad ma' Godfrey Cassar fir-ringrazzjamenti tiegħu u barra li jawguralu fejqan ta' malajr, għan-nom tiegħu u tal-Korp tal-Pulizija nixtiequ nirringrazzjaw lill-Kummissarju tal-Pulizija, lill-Ambaxxata Taljana f'Malta u lill-Air Malta ta' l-għajnuna kollha li taw lil Godfrey Cassar.

# Il-garretta tal-Kummissarju

mill-

**KAVALLIER JOSEPH GALEA**

**● Fl żmien il-kavalieri ta' San Ġwann li ħakmu l-gżejjer bejn is-snin 1530 u 1798, tista' tgħid li l-aqwa sinjuri biss kien ikollhom xi għamla ta' mirkeb biex jinqdew bih huma biss. Malmilja taż-żmien, imbagħad, bdew deħlin drawwiet ġodda u niltaqgħu ma' għamla ta' mirkeb, li billi kien meqjus minn erba' roti, u miġbud minn par żwiemel, aktarx ta' oriġini Franċiża, kien jissejjaħ *Chaleche,* li aħna bdejna ngħidulu Kaless.**



*Il-kaless tal-Gran Mastru Ferdinand von Hompesch li hemm għall-wir fil-Palazz il-Belt.*

Fl-Armerija tal-Palazz għad hemm għal wirja l-kaless li kellu l-aħħar Gran Mastru, Ferdinand von Hompesch (1797-1798) u li seta' għamel użu wkoll minnu Napuljun meta qabad il-gżejjer nhar l-għaxra ta' Ġunju 1798, fi triqtu lejn l-Eġittu.

L-Arċidjakonu tal-Katidral ta' l-Imdina, il-kanonku Francesco Saverio Caruana, wieħed mill-mexxejja tal-Maltin fir-rewwixta kontra l-Franċiżi, kien silef il-kaless tiegħu persunali li kellu Ħaż-Żebbuġ lill-Kaptan Alexander John Ball, mibgħut minn Lord Horatio Nelson biex igħin lill-Maltin fit-taqbida tagħhom kontra għadu komuni. Ball kien joqgħod fil-Palazz ta' Sant'Anton, u l-kanonku kien qiegħed f'Tas-Samra, u kien imur idur it-trunċieri riekeb iż-żiemel.

Meta, imbagħad, wara li l-Franċiżi, nhar il-5 ta' Settembru 1800, kienu ċedew il-gżejjer f'idejn l-Ingliżi, Ball beda jdaħħal drawwiet ġodda, u jneħħi l-għabra li kienet qed toħnoq il-gżejjer fil-mixja tagħhom lejn il-progress.

Fis-sena 1802 Ball kien ħa b'kiri żewġ kalessi minn għand il-Baruni Gaetano Fournier, fornuti biż-żwiemel b'kollox, u kaless ieħor mingħand Salvu Zammit, u wara żmien il-Gvern kien xtrahom bil-prezz ta' 600 skud ta' Malta.

Il-Gvernatur Sir Hildebrand Oakes, li laħaq wara l-mewt ta' Ball (1810-1813) kien irrekwiżizzjona wħud mill-kalessi li kien hawn għalbiex jgħaqqdu l-ħtieġijiet tas-servizz pubbliku, wieħed għal Palazz, ieħor għalih persunali, ieħor għas-Segretarju Ġenerali, ieħor għall-Ospizju, u tnejn jew tlieta oħra.

Il-**Gran Visconte,** kif kien magħruf il-Kap tal-Pulizija dak iż-żmien, kien joħroġ riekeb iż-żiemel, u uħud mill-pulizija fl-irħula l-aktar imbegħda u mifrudin minn xulxin, kienu jirkbu wkoll iż-żiemel.

Meta, imbagħad, fix-xahar ta' Lulju 1814, Sir Thomas Maitland bil-proklama li ħareġ, għamel ir-riforma tal-Korp tal-Pulizija, kien fassal Korp ġdid fuq dak ta' l-Ingilterra promulgat minn Robert Peel.

Il-Kap tal-Korp ħa l-isem ta' **Inspector General,** billi sa dak iż-żmien kellu wkoll taħt it-treġġija tiegħu wkoll il-Port tal-Kwarantina u Lazzarett, l-amministrazzjoni tas-Sanità, minbarra l-Pulizija, u fid-diversi oqsma kien ikun hemm wieħed bħala spettur, il-Kap ħa dak l-isem fuq kulħadd. L-ewwel wieħed li ħa dik il-kariga kien il-Kurunell Francesco Rivarola. Minflok kaless Maitland ħoloq għamla oħra ta' mirkeb għal **Inspector General,** speċi ta' xatba mitfugħa fuq żewġ roti kbar, mingħajr tinda u mhux



*Tip ieħor ta' Trasport li ġie wara l-kaless.*

•*Ikompli f'paġna 14*

JACKLON Toiletries

*Created to Solve All Hair Problems*
Made from Natural Herbs, Birch, Egg & Lemon




**Biochemicals Ltd.**
**Produits de beauté**

**Elias Street, Birkirkara, Tel. 492190**

MP

**Mobilia Penza** Ltd.

***The specialists in Antique Furniture***





***Manufacturers & Exporters of Antique & Reproduction Furniture***

*Factory and Showroom:*
**204A, Industrial Estate, Luqa, Malta.**
**Telephone: 284485**


MODERN MODERN MODERN MODERN
Guess who
is going ........
MODERN!
FALZON & BIANCHI
(MOBILI) LIMITED
Showrooms: Marina Street, Pietà. Tel: 223794

# GRIGORY YEFIMOVICH NOVYKH:

# RASPUTIN

## – END OF A MAD MONK

***(Continued from last issue)***

Rasputin's fame or infamy spread until the empress heard of the strange holy man with the gleaming power in his eyes. She was told that Rasputin could work miracles and that no physical problem was too difficult for him to overcome. This intrigued Empress Alexandra, who was a desperate woman. Her son, Alexis, heir to the most powerful throne in all Europe, was afflicted with hemophilia.

Alexandra and her husband, Czar Nicholas II, had consulted the finest doctors in Europe and found no cure for the small boy. They had tried every conceivable religious prayer and his condition never changed. Perhaps, the empress thought, even though he be a mystic, this Rasputin could cure or at least protect her son. She sent for him.

Rasputin arrived at the Royal Palace in 1905, ironically just in time to hear that the czarevitch had fallen and had begun to bleed. He was led into the boyu's room and, holding only one candle in the darkness to his eyes, hypnotized the child into a trance.

The empress gasped in wonder as the boy stopped bleeding immediately. She had found her cure and Rasputin soon had the freedom of the palace, coming and going as he chose, always on hand should the boy have an attack. This placed Rasputin in a power position he was never to relinquish except once, when he was banished for a brief time in 1912.

For the most part, Rasputin actually named, through the empress, anyone he chose to an important government position.

When World War I broke out and Emperor Nicholas (who had tried to reduce Rasputin's power) went to the front, the Mad Monk became the untitled ruler of Russia. Through the empress he fired and named ministers.

Newspapers that attacked him for the immoral and insane person he was were destroyed. Members of the aristocracy who urged the empress to get rid of this lunatic were banished.

A rabid nationalist, Rasputin caused severe rationing of food, and massive drafts of men for the fighting fronts, while all the while wasting fortunes on his lavish private parties. The monk ignored criticism. He felt he wa was the most powerful man in Russia and he could do as he pleased. He controlled the empress and therefore the government.

### ASSASSINATION

One man, Prince Felix Yusupov, thought differently. He, along with several other noblemen, concluded that the only way Russia's monarchy would be saved was with the assassination of Rasputin. Even the czar's cousin, Grand Duke Dimitry Pavlovich, helped to plan the killing.

On the night of December 29, 1916, Yusupov lured Rasputin to his castle, saying that he was giving a party. The Mad Monk wanted to know if Yusupov's wife would be present. He had always coveted Yusupov's attractive wife, the Princess Irene. Yusupov said she would. Thus, using his wife as a lure, the prince convinced Rasputin to attend.

When the Mad Monk arrived, he was already drunk. He gave off a foul odor. "Where is the woman?" he grunted to Yusupov. The prince showed him into an empty banquet hall, its long table littered with dirty plates.

"You're late. You missed the feast. But my wife will be right down. Here, sit down here and have some of these delicious cakes."

The prince pushed forth a plate of specially made brown cakes. Each one of them had enough cyanide to kill ten men, the poison personally prepared by a Dr. Lazovert. Rasputin popped one and then two into his mouth.

Yusupov could not believe his eyes as the Mad Monk ate all of the cakes rapidly and then belched. "Good. Is there more?"

"Yes, I'll get them." Trembling, Yusupov went to an adjoining room. "He's eaten all the cakes," he hurriedly told fellow plotters.

"The wine, have him drink the wine," urged Lazovert. The wine jug contained several ounces of cyanide; a sip of it would mean instant death for most men. But Rasputin was not most men.

"Where is your wife, Yusupovl You told me she would be here."

"She's preparing herself."

Rasputin got up and walked back and forth before the huge fireplace in the banquet hall. "I don't like to be kept waiting. You promised."

The prince was frantic. The poison had failed. (Of course, the assassins had no way of knowing that Rasputin had dyspepsia, a condition where his stomach di not secrete hydrochloric acid, which is necessary to activate cyanide.) Yusupov drew a large dagger and rushed the Mad Monk from behind, stabbing him a half dozen times until Rasputin fell. Then he tied him hand and foot and went back to get his fellow conspirators.

When the assassins re-entered the room and bent to lift the still form, Rasputin suddenly came to life, his pawlike hands firmly around Yusupov's neck, his fierce eyes blazing. One of the conspirators drew his pistol and emptied it into the Mad Monk who collapsed.

Rasputin's body was tied with chains and rope and his body was taken to the frozen river Neva. There, six men hacked away at the ice until there was a hole large

*•Continued on page 12*

# BIEB IL-BELT MINN ĠEWWA




•Minn fuq l-għoli ta' Putirjal, jekk tħares 'il ġewwa lejn il-Belt, il-medda tal-ħarsa twasslek kważi sal-fanal ta' Sant'Iermu. Triq ir-Repubblika kollha, bil-bini tagħha sabiħ li kien hemm sakemm uħud minnu kien iġġarraf bil-ħidma ta' l-għadu fil-gwerra.

Imma, x'differenza dak iż-żmien m'illum: it-triq ewlenija tal-Belt qisha vojta, ħlief ftit nies għaddejjin għal xogħolhom, min-għajr għaġla, erbgħa karrozzini u karrettun bil-bagħal, u l-ħwienet bit-tinda tal-canvas biex tilqalgħhom ix-xemx. Illum, l-anqas biss ma tista' timxi kif trid, l-aktar jekk tkun mgħaġġel, min-ħabba l-folla kbira ta' turisti u nies oħra, għaddejjin f'kull ħin tal-ġurnata. U kien mn'Alla li neħħew it-traffiku mit-triq.

Kif tidħol sew il-bieb, fuq iż-żewġ naħat, kien hemm turġien li kienu jwassluk għal fuq Hastings, il-wieħed, jew lejn ic-Central Bank, in-naħa l-oħra. Dawn it-turġien spiċċaw u min-flok hemm bini modern.

Fuq in-naħa tax-xellug, l-ewwel kantuniera kien hemm Strada Fianco, fejn għal xi żmien kien joqgħod Manwel Dimech. U fuq in-naħa l-oħra, fuq il-lemin, l-ewwel bini kien l-istazzjon tal-ferrovija, tinżel minn mina twila, biex tasal fejn kien ikun hemm il-magni u l-vaguni.

Dan kollu fi żmienna jap-partieni lill-imgħoddi....

Fuq il-lemin jidher it-Tijatru Rjali, għaxqa ta' bini mibni fis-sena 1866 biex il-poplu jitgħax-xaq u jifraħ. Dan safa mġarraf ukoll fil-gwerra, u fiħ ħasra tara dak il-vojt tiegħu, mimli karrozzi pparkjati fih.

Pariġġu fuq in-naħa l-oħra jidher il-bini hekk imsejjaħ ta' Franċija, illum il-Ministeru tas-Sigurtà Nazzjonali. Iżda qabel l-Ingliżi hemm kien hemm il-Fer-rerija, fejn il-Kavallieri kienu jaħdmu l-kanuni, u jagħmlu l-qniepen.

Il-medda tal-ħarsa twasslek sal-pjazza tal-palazz, billi minn hemm l'isfel tibda n-niżla għal fejn ngħidulu d-Duwi Balli, magħrufa hekk għaliex fiż-żmien kien hemm żewġt idjar mibnija minn żewġ Balliji tal-Kavallieri, Guillaume u Henri de la Salle.

Kif jitbiddlu ż-żminijiet, u. kos, kif nitbiddlu aħna wkoll magħhom....

## RASPUTIN

•*Continued from page 11*

enough through which the body could be dumped. Yusupov kicked him through the hole with relief.

But that was not the end of Rasputin. To their horror, the assassins learned the next day that the Mad Monk had almost survived. His body was found on the opposite shore of the Neva. From what they could discover, he had gotten free of his bonds and smashed through the ice with his head.

But the effort had been too much. It wasn't the poison, stab wounds, or six bullets that had killed him. Rasputin had swallowed too much water and drowned. Ignoble as was his end, Rasputin's memory was fairly venerated by the empress. While ordering a chapel built to house his much damaged body at the czar's estate, Tsarkoye Selo, she turned her wrath upon the conspirators, but Yusupov and his wife quickly left Russia to save the crown embarrassment, as well as their own lives, it appears, since the prince felt sure that revolution would soon topple the Romanov dynasty. He was right. Yusupov travelled widely for some time, the assassin dabbling in the dubious arts of faith healing. He died in New York City in 1967 at age eighty-one.

Rasputin's body, like his reputation, was horribly violated when the czar fell. Revolutionaries broke into his chapel, dragged out his casket, pried it open with sticks and, after soaking the remains with kerosene, burned it on a huge log pyre as a large, silent throng gathered to watch the blaze throughout the night, perhaps making sure, as it were, that the Mad Monk was truly finished.

# PARAMOUNT GARAGE



255 Constitution Street
Mosta

***Malta's largest Bus Hire Fleet including Mini-Buses and Self-Drive Cars***

## GENERAL HIRE SERVICE

Tel: 441193 – 443296

---

**Why choose LAFERLA INSURANCE SERVICES LIMITED?**

**BECAUSE**

**We offer:** ☐ Good Service ☐ Attractive Premiums ☐ Dependability ☐ Branch Offices in Malta and Gozo.

**We all need protection.** ☐ Your family needs it.

**But so do** ☐ Your home ☐ Your car ☐ Your business or profession.

**Protection is cheaper than you think. So phone us on 622750 or 224405 for quick quotation.**

**Our staff:** ☐ is experienced ☐ enjoys a reputation of integrity ☐ is efficient and courteous.

**Our offices:** ☐ Reflect the high standards we set ourselves in Malta. ☐ Have a fully computerized administration assuring the client of ☐ Accurately maintained accounts ☐ Prompt and informative communications ☐ Quick processing of claims ☐ Minimised overheads ☐ Advantageous rates.

**We offer any sort of cover:** ☐ Motor insurance ☐ Home insurance ☐ Shopkeepers' combined insurance ☐ Factory insurance ☐ Warehouse insurance ☐ Hotel insurance ☐ Public liability insurance ☐ Employers' insurance ☐ Cash in transit insurance ☐ Personal accident insurance ☐ Life insurance ☐ Contractors all risks' insurance ☐ Professional indemnity (advocates and notaries).

**Call us now. Later it might be too late!**

LAFERLA *Insurance Services Limited*

15, FLAT 14, VINCENTI BUILDINGS, STRAIT STREET, VALLETTA. TEL: 622750, 224405.

**You can depend on us.**



Forsi ilek ittella' u tniżżel li jkollok id-dar tiegħek. Wasal iż-żmien li twarrab il-ħolm fil-ġenb u tagħmel pass il-quddiem biex tikseb id-dar tiegħek.

Lohombus Corporation Limited tista' tgħinek biex tixtri jew tibni darek billi toħroġlok self għal tul ta' żmien skond il-mezzi tiegħek.

Tista' tikseb informazzjoni sħiħa mill-uffiċju tagħna u mill-fergħat kollha tal-Bank of Valletta Limited u tal-Mid-Med Bank Limited f'Malta u Għawdex.

LHB **LOHOMBUS CORPORATION LIMITED**

**Development House, Floriana. Tel: 620412/3, 605013.**

# DRIVING UNDER THE INFLUENCE OF DRINK AND DRUGS

By
Dr FRANCO BONDIN LL.D.

**"Of all the serious motoring offenders, the drunken driver is one of the most controversal and least popular, and the impression is that he has now replaced the "road hog" as a target" (1) However, leading writers on the relationship between alcohol and traffic accidents affirm the "It had become abvious to inform observers many year ago that in nearly every country of the world whatever official statistics were available, grossly underestimated that part played by alcohol in causing accidents". (2) This can also be said to be true in Malta where a brief glance at the Annual Abstruct of Statistics (Department of Information) under the heading "Causes of Road Accidents" covering the years 1966 to 1984, effect of alcohol on the driver seems to be grossly understated. (3) In the United States of America, Klien et (4) committed themselves to the statement that "for practical purpose a fatal crash can be considered synonymous to an alcohol crash unless proved otherwise. The report of the Australian House of Representatives, Standing Committee on Roads Safety of 1980 on alcohol, Drugs and Roas safety found that in 1979, 3,506 people were killed in road crashes in Australia, at least one third of adults, killed, i.e. about 1,000 in 1979 had significant concentration of alcohol in their blood. Research suggested that alcohol is a factor in fifty per cent of crashes involving a fatality.**

Western society seems to be inextricably linked to alcohol as a means of brightening up any social convivial atmosphere. If it seems impossible burdensome in the light of accepted social habits that the law should be remembered that social habits can change and be completely changed within a measurable period of time. It has been observed that in Scandinavian countries, an unremitting application of a stern Law, proscribing driving when blood/alcohol concentration is above a statutorily specified level, has produced a climate where one does not expect guests to turn up at parties in their own cars, unless accompanied by another person, such as wife who will remain (and will be expected to remain) on nonalcoholic beverages. Swedish visitors to England before 1967 (when prescribed level offence was introduced in the United Kingdom) were observed to behave in this respect exactly as they would do at home although they knew that the British has no restraining law reotely comparable to their own and inspite of the pressure of British drinking habits (5).

Therefore if the law is to play a role in reforming social habits, it must be adequate and meaningful to all the driving members of society. How far it is meaningful to the Maltese driver will be seen hereunder.

Section 14 (1) A of the Traffic Regulation Ordinance provides that if a person drives a motor car "while under the influence of intoxicating liqour or drugs" he commits an offence. The present wording of our law is derived from the 1930 Road Traffic Act of the U.K. (Section 15) (1) although the latter was much wider in its reach as it provided that any person who, when driving or attempting to drive or when in charge of a motor vehicle on a road or other public place is under the influence of drink or drugs to such an extent, as to be incapable of having proper control of the vehicle, commits an offence.

This offence officially recognised that it was not necessary to be "drunk" in the popular sense i.e. with gross inco-ordination of movement, in order to be danger on the roads. (6) The Royal Commission on transport, First report of 1929 (page 12) had stressed the difficulty of drunkeness, since it was felt that the justice" ideas to what constituted this condition were too extreme to include the driver, who although not falling all over the place, was unable to exercise the judgement needed to drive a vehicle safely. (7)

## INTOXICATING LIQUOR

Different countries use different expressions to denote what is scientifically known as alcohol – a member of a class of carbon compounds possessing certain structural features in common and therefore having certain predictable chemical properties. (8) In traffic offences the terms alcohol, liquor etc., are not used in any scientific meaning. They generally refer to any fermented, distilled or spiritous liquor.

Section 14 1(a) does not refer to a driver being intoxicated but refers to a driver being under the influence of intoxicating liquor. To be intoxicated is to be excited or stupified by alcohol to the point where physical or mental control is markedly diminished. The prosecution does not need to prove "drunkenness" in the sense that the driver's mental and physical faculties have been impaired to the extent that the driver has little or no awareness of the events around him.

The Court has to determine whether the driver has consumed

# Il-garretta tal-Kummissarju

•*Ikompli minn paġna 10*

magħluqa, biż-żewġ lasti ħerġin 'il barra fit-tul, biex bejniethom jidħol iż-żiemel u jiġbed. Il-kuċċier ma kienx jirkeb iżda kien jimxi bir-riegni f'idu maż-żiemel.

F'dawk it-toroq kollha ħotob, mimlijin tajn u ġebel, u tant dojoq li bil-kemm kemm kien jista' jgħaddi karettun kbir minnhom, u jekk jiltaqa' ma' ieħor fl-istess triq wieħed minnhom kien ikollu jistenna, jew jerġa' lura, billi ma kienx għad hemm il-liġijiet tat-traffiku.

L-istampa fuq il-kopertina tal-**magazine** f'din il-ħarġa turi l-garretta, kif kienu jgħidulha fiż-żmien, aktarx li fl-imgħoddi kienet inxtrat mingħand il-werrieta ta' Raffaele Crispino Xerri, jew inkella magħmulha għal ta' l-apposta mingħand dak tal-ħanut li kien hemm biswit il-għajn ta' Ljun, fi Triq Sant'Anna, il-Furjana.

Dan akkwist li għamel il-Korp dan l-aħħar, u li se jitpoġġa għall-wirja fil-Mużew tal-Pulizija li qiegħed jitħejja, u jkun miftuħ ukoll għall-pubbliku ma jdumx.

## DRIVING UNDER THE INFLUENCE OF DRINK AND DRUGS

•*Cont. from page 10*

a sufficient quantity of alcoholic liquor which (i) causes him to lose in whole or in part, either his mental or physical abilities or both and (ii) which causes him to be unable to drive his car to the same standard as a normal and sober driver. Generally, the prosecution has to establish the lack of proper control and that this was due to the influence of liquor.

"In fact in the provision in question forming part of the Traffic Ordinance, the purpose of the law is not to envisage the offence of drunkenness as such (as for instance s. 352dd of the Criminal Code) but to safeguard traffic by punishing anyone who, because of drink is unfit to drive and therefore is likely to cause accidents". (9)

**TO BE CONTINUED IN NEXT ISSUE**



Essendosi in tempo de l'assedio della Valletta il Governo servito di due calessi, ed una mula e suoi arnesi spettanti all'Eredità del Brè Gaetano Fournier, che non sono stati mai restituiti; ed un calesse, e suoi arnesi spettanti all'Ulf Salvatore Zammit, che neanche sono stati resi: ed un calesse, ed arnesi dell'Ulf Rafaele Crispino Xerri, al quale è stato restituito il Calesse solamente, molto deteriorato; Si paghino secondo la valutazione fatta da persone perite, che conoscevano li detti Calessi quando sono stati presi) dalla pubblica Tesoreria del Governo al Procuratore delli Sig.ri Eredi Fournier scudi seicento per valuta di detti due Calessi, mula, ed arnesi; all'Ulf Zammit per valuta del suo Calesse, ed arnesi scudi duecento, e trenta; Ed all'Ulf Xerri per valuta delli arnesi, e per deteriorazione del detto Calesse scudi cento. Da Palazzo li 3. Novembre 1802.

Alexr Ball

**Żewġ dokumenti ta' l-ewwel żmien l-Ingliżi. Il-kiri tal-kalessi minn Ball fis-sena 1802, bil-firma ta' Ball. Ir-rekwiżizzjoni għal iktar kalessi mill-Gvernatur Sir HIldebrand Oakes, bil-firma tiegħu.**



Per lo servizio straordinario di questo Palazzo essendo necessario un'altro Calessiere ne devenimmo alla nomina; per la qual cosa dal primo dell'entrante Ottobre in vece di sei saran sette i Calessieri fissi di servizio di esso Palazzo, uno cioè destinato a condurre il nostro Calesse, un'altro a condur quello dell'Illmo Sigr Segretario Pubblico, un'altro quello dell'Ospizio, un'altro per condurre il Calesse destinato al servizio ordinario dello stesso Palazzo, un'altro quello destinatone al servizio straordinario, il sesto per condurre il Calesse del Giardiniere di Sant'Antonio, e l'ultimo per condurre il Carro di trasporto a S. Antonio, e da S. Antonio alla Valletta.

Palazzo li 24 Sett: 1810.

Il Regio Civ. Commissionario

H. Oakes

# PAĠNA GĦAN-NISA

Minn MARY

# Nuqqas ta' ftehim fid-dar ifisser tilwim

**● Fid-dinja hija ħaġa ovvja li meta jkun hemm nuqqas ta' ftehim bejn xi pajjiżi, u dawk involuti f'dan in-nuqqas ta' ftehim ma jaslux fi ftehim – jew ta' l-inqas kompromess, il-probabbiltà hi li dawn il-pajjiżi jippruvaw jieħdu r-raġun bl-użu ta' l-armi.**

Dan jgħodd ukoll meta niġu biex nitkellmu dwar in-nuqqas ta' ftehim fil-familja tagħna stess. U x'jikkaġuna dan it-tilwim? Minn riċerki dwar il-familja li ta' spiss isiru f'diversi pajjiżi tad-dinja, ħafna minn dan it-tilwim fil-familja sabu li ġej – fost diversi raġunijiet aktar gravi, kaġun ta' nuqqas ta' ħsieb żgħir bejn iż-żewġ partijiet li jmexxu l-familja.

U ħaġa ta' l-iskantament, percentaġġ għoli tas-separazzjonijiet bdew minn daqsxejn ta' nuqqas ta' attenzjoni min-naħa tal-mara. Mhux għax ir-raġel ma nstabx ħati ta' diversi nuqqasijiet – altru minn dan, iżda f'din il-paġna rridu nitkellmu mil-latt tagħna n-nisa u naraw in-nuqqasijiet fir-rigward l-attitudni tagħna lejn ir-raġel sieħeb tagħna.

Nibdew daqsxejn mill-bidunett u mmorru lura għaż-żmien tannamur tagħna. Minn dan l-att naħseb li kulħadd jaqbel li ż-żewġ naħat, wara ċertu żmien ta' żwieġ ma jibqgħux b'dik iċ-ċerta attitudni prudenti lejn xulxin, u fejn waqt in-namur u l-għerusija t-tnejn jibdew jgħalqu għajn waħda għal ċerti nuqqasijiet ta' bejniethom, fiż-żwieġ jibdew ifittxu x-xagħra fl-għaġina!

Punt li nteressani ħafna waqt li kont qed naqra dan ir-rapport fuq il-ħajja miżżewġa ta' koppji żgħażagħ u dawk li kienu ilhom is-snin miżżewġin, kien kif percentaġġ għoli ta' l-irġiel ilmentaw mill-fatt kif il-mara tagħhom qatt ma għenithom, anzi pjuttost fixklithom u qatgħetilhom qalbhom, meta dawn tħajjru jaqbdu xi delizzju fid-dar.

Fost il-passatempi li ssemmew kien hemm dak tal-fotografija, trobbija tal-ħut ta' l-ilma ħelu, għasafar, dawk li xtaqu jġemmgħu souvenirs minn diversi pajjiżi tad-dinja, – saħansitra kien hemm wieħed miżżewweġ 'frisk' li wara xahar miżżewweġ kellu jerġa' jibgħat għand ommu biex iżommhomlu għandha – kollezzjoni ta' 2,000 kaxxa tas-sulfarini, biex skond martu, ma jkollhomx 'imbarazz' id-dar!

## NUQQAS TA' ĦSIEB

U minn dan li semmejna ndawru daqsxejn il-lenti fuqna stess u nistaqsu lilna nfusna? – aħna lir-raġel tagħna kif qegħdin naġixxu miegħu f'dan ir-rigward? Jekk qabel iż-żwieġ tagħna kellu xi passatemp ta' ġewwa, konna aħna stess li bin-nuqqas ta' ħsieb tagħna gerrixnix mid-dar għal xi ħanut tax-xorb? Jekk tħajjar issa għal xi delizzju li jaf li se jżommu ġewwa d-dar, ħassarnilu? U b'daqshekk x'inkunu qegħdin nagħmlu – ġid jew ħsara għalina?

Huwa minnu li kwalunkwe passatemp, kemm dak ta' ġewwa, kif ukoll dawk li jsiru barra middar, jinvolvu ħafna spejjeż, u dan il-fattur forsi jġiegħel lil ħafna nisa jisfrattaw il-ħsieb tar-raġel tagħhom milli jaqbad xi passatemp. Minn dan l-angolu naħseb li jkun l-istess raġel tagħna li juża l-moderazzjoni fl-ispejjeż li jinvolvi l-passatemp li jkun se jaqbad u minflok ingerrxuh għandna ngħinuh sabiex dan il-passatemp, bil-moderazzjoni li jkun jinħtieġ, ikun ta' serħan għalih mix-xogħol ta' rutina ta' kuljum.

Kemm hawn nisa li biex ngħid hekk, kważi jagħmlu l-wegħdi sabiex ir-raġel tagħhom jaqbad xi passatemp – speċjalment wieħed li jgħaddi l-ħin bih id-dar. Kemm nisma' nisa tad-dar jilmentaw mill-fatt li r-raġel tagħhom fil-għaxija wara x-xogħol jintefa' fuq is-sufan jara t-televiżjoni... u jongħos! "Kemm-il darba ħajjartu sabiex jibda jġemma' dik jew dak l-oġġett, iżda qatt ma rnexxieli", qaltli darba waħda mara ġara tiegħi, xi snin ilu.

Jien kont tajtha parir sabiex tixtrilu par kanarini u tħajjru jrabbihom. Ftit ġranet ilu ltqajna waqt ix-xirja ta' fil-għodu u qaltli "Prosit x'għamiltli Mary, taf li kif jiġi r-raġel tiegħi mix-xogħol lanqas sar jagħti każ jekk inhix ħajja jew mejta... jibqa' tiela' sparat fil-kamra fejn għandu l-għasafar, għax minn dak iż-żmien 'l hawn tgħidx kemm irnexxielu jrabbi ma' dak il-par li kellu. Addio sufan u televiżjoni qabel tard fil-għaxija."

Jien għedtilha li kienet qegħda tesaġera meta qalet li r-raġel tagħha m'huwiex jagħti każha, kif fil-fatt ammettiet għax qaltli li kienet sempliċiment espressjoni ta' kemm qiegħed għal qalbu l-passatemp li qabbditu hi.

Minn dan is-sempliċi fatt jirriżulta li aħna n-nisa nistgħu ngħinu lil żwieġna jużaw il-ħin liberu tagħhom għal gwadan tagħna stess. Jekk ir-raġel tagħna jogħġbu joqgħod iqatta' l-ħin liberu tiegħu d-dar f'xi passatemp, nistgħu ngħinuh u nagħmlu ħilitna biex jibqa' jagħmel dan, u mhux niżbaljaw bl-ikrah jekk minħabba l-garr tagħna ngerrxuh 'il barra, u dawk li għaddew minn din l-esperjenza u għamlu dan l-iżball jafu xi rrid ngħid.

Lir-raġel għandna nfehmuh li ħa jkollu passatempi kemm irid, iżda b'maturità għandu jsir ftehim sabiex ma jżidx maxxogħol tad-dar tagħha, u parti mill-passatemp tiegħu jkun li dan jagħmlu bl-indafa. B'hekk jiena ċerta li jkun kuntent kulħadd, u jiġi evitat ħafna tilwim bla bżonn.

# IL-PULIZIJA U L-EŻERĊIZZI FIŻIĊI

**•KIF aħna ħbieb? M'għandix dubju li ma intomx tippruvaw xi wieħed mill-eżerċizzi li qiegħed ngħidilkom. Però, għal dawk li jridu jistinkaw u jinteressaw irwieħhom aktar f'iżjed eżerċizzi, sejjer ngħidilkom xi ħaġa ġdida oħra f'din il-ħarġa. Biss għal dawk li sabuha xi ftit jew wisq diffiċli nħeġġiġhom li jerġgħu jipprovaw. Bħal ma ġieli għidt kemm-il darba m'hemmx fiex wieħed jaqta' qalbu. Nixtieq ngħidilkom ukoll li jekk xi ħadd isib xi diffikultà, u ma jifhimx xi ħaġa milli diġà ppubblikajna, li nista' noffrilkom huwa li tavviċinawni u nispjegalkom eżatt dak li tixtiequ tkun tafu.**

MILL-ISPETTUR
RAYMOND ZAMMIT

Nixtieq niġbed l-attenzjoni tagħkom, speċjalment għal numru żgħir ta' individwi li fittxewni u qaluli li ċertu eżerċizzi milli diġà ppublikajna huma bħal xulxin. Ma naħsibx li dan huwa l-każ. Li jixtiebħu ħafna huwa minnu, iżda li huma l-istess żgur li le. Ħaġa oħra mportanti hija, li kull eżerċizzju fih it-tifsira tiegħu, u jagħmel ġid lil xi parti jew oħra tal-ġisem. Ħbieb oqgħodu attenti fuq dak li taqraw.

Mela niġu mill-ewwel għal eżerċizzju ġdid ieħor. Dan insejħulu **'CHAIR TRICEPS PUSH-UPS'.**

Kull ma' wieħed irid f'dan l-eżerċizzju huma żewġ siġġijiet. Poġġi s-siġġijiet kif jidhru **Fig. R.** Żommu jdejkom stirati kemm jista' jkun il-ħin kollu. Irwu saqajkom mill-irkoppa 'l isfel lura, u bil-mod u b'attenzjoni kbira inżlu 'l isfel billi terħu ftit minn idejkom sakemm tmissu kważi l-irkobbtejn ma' l-art, u sakemm tmissu l-ispallejn mal-widnejn kif jidher **Fig. S.** Wara erġgħu itilgħu għal pożizzjoni li kontu fiha qabel, għal darba oħra bil-mod, u irrepetu kemm jista' jkun bejn 8-10 reps kull darba. Dan l-eżerċizzju rrepetuh għal tlett darbiet wara xulxin, b'intervall ta' (2) żewġ minuti minn wieħed għall-ieħor. Attenti ħbieb, qisu li s-siġġijiet li tagħżlu jkunu sodi biżżejjed biex twettqu dan l-eżerċizzju.

It-tieni eżerċizzju ġdid insejħulu **'CHAIR PUSHUPS PART ONE (1).** L-istess bħal ta' qablu kull ma neħtieġu din id-darba huwa siġġu wieħed. Poġġu s-siġġu kemm jista' jkun ma' xi ħajt biex ma jiġrix bikom, u oqgħodu fil-pożizzjoni kif murija **Fig. T.**

Mela poġġu jdejkom bejn wieħed u ieħor xi (40) cm imbegħdin minn xulxin, pali ta' jdejna dritti 'l quddiem, saqajna ma' xulxin, rasna 'l fuq u nħarsu 'l quddiem, dritti kemm jista' jkun u bil-mod ibdew inżlu sakemm tiġu kif qegħdin taraw **Fig U.** Erġgħu itilgħu għal għal pożizzjoni li kontu fiha qabel. Għamlu bejn 15-20 reps kull darba. Irrepetu dan l-eżerċizzju għal darbtejn wara xulxin, b'intervall ta' (2) żewġ minuti minn wieħed għall-ieħor. Naturalment meta wieħed jidra' tajjeb, sewwa li wieħed iżid dan l-eżerċizzju għal erba' jew ħames darbiet. Ħbieb ma nidħkux bina nfusna, konċentrament fuq dak li qegħdin nagħmlu jgħina nagħmlu l-eżerċizzji kollha mija fil-mija tajjeb.

It-tielet eżerċizzju huwa **'WRIST CHALLENGE'.** Kull ma wieħed għandu bżonn hija biċċa injama ta' tul mhux iżjed minn 35/40 cm u ħxuna ta' 5 cm magħmula fit-tond u bi 'grooves' min-naħa għall-oħra, u 'groove fin-nofs eżatt. Issa oqgħodu dritti kemm jista' jkun, l-idejn dritti 'l barra 'parallel' ma' l-art, aqbdu

*•Ikompli f'paġna 17*



R



S



T



U




Manufacturers & Suppliers of Mining Explosives and accessories Propellant powders, sporting ammunition and Deep Rock Drilling machines.

"PULVICH HOUSE"
101, ARCHBISHOP STREET, VALLETTA
TEL.: 225287-607707

# Lm3,500 .............................. fil-

## Lotterija tal-Ġimgħa

L-Ewwel Premju Lm2,000
Żewġ Premjijiet ta' Lm500
Ħames Premjijiet ta' Lm100

Imtella' kull nhar ta' Ġimgħa fis-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar.






# Middle Sea Insurance

## SERVICE & SECURITY

*Middle Sea Insurance – Malta's first insurance company – is now offering a full and competitive service that covers most classes of insurance, including special policies for home owners and shopkeepers.*

*Entrust the things you value to the people you can trust, a Maltese company specialising in absolute security with efficient service.*

*Rely on its international experience.*

MIDDLE SEA INSURANCE CO. LTD. ~ MALTA ~



*Middle Sea House, Floriana*

**Middle Sea Insurance** Tel: 626262

# IL-PULIZIJA U L-EŻERĊIZZI FIŻIĊI

l-injama minn kull tarf u wara li tkunu dendiltu piż ta' mhux anqas minn (5 kg) permezz ta' ħabel marbut mal-'groove' tan-nofs, ibdew obormu l-injama 'l quddiem sakemm il-piż jitla' sa fuq. Wara erġgħu niżlu l-piż bil-mod fejn kien. Importanti l-idejn dejjem dritti. Irrepetu għal darbtejn b'ħames darbiet kull darba. Biex jgħinkom għatu titwila lejn **Fig V/Fig W.**

Għal dawk li spiss qegħdin iħossuhom batuti xi ftit fil-pushups, u minn dawn hawn ħafna, din il-biċċa għodda li tidher **Fig X** u li hija kollha kemm hi



W



V



X

ta' l-injam tista' tgħin ħafna. Ħafifa biex issir u ma tiswiex flus. Wara li tkunu għamiltuha, ippruvaw il-pushups kif jidher **Fig Y.** Dawk li jħobbu jniżżlu żaqqhom ma' l-art, minħabba raġuni jew oħra, jew iħobbu jippoppaw il-warrani, qisu li b'din il-biċċa għodda dawn l-affarijiet ma jirrepetux ruħhom.

Eżerċizzju ieħor ġdid għal din id-darba huwa **'BEND FORWARD'.**

Kull ma wieħed irid jagħmel huwa li joqgħod dritt kemm jista' jkun, saqajh imbegħdin bejn wieħed u ieħor 20/30 cm u bil-mod inżlu sakemm tmissu l-pali ta' jdejkom ma' l-art, s'intendi mingħajr ma tilwu l-irkobbtejn 'il quddiem. Ħbieb kull meta ngħidilkom xi eżerċizzju ġdid, l-ewwel ippruvawh 'half slow motion' wara 'slow motion' u meta tkunu drajtuh sewwa żidu 'speed' skond is-saħħa ta' l-individwu. Biex jgħinkom ħarsu naqra lejn **Fig Z.**

Għal din id-darba naħseb li għandkom biżżejjed biex tippruvaw, biss infakkarkom l-eżerċizzji ta' qabel tinjorawhomx u li tippruvaw għamluh sewwa, u jekk jista' jkun għadduh lil ħadd ieħor speċjalment lill-membri tal-familja. Għal dawk li għandhom it-tfal diġà mfarfrin sewwa, tajjeb li wieħed jinkoraġġihom f'dawn l-eżerċizzi, għax b'hekk tkunu qegħdin tbegħduhom minn ħafna vizzji, speċjalment mid-drogi, li diżgrazzjatament daħlet ħafna f'pajjiżna, speċjalment fiż-żgħażagħ tagħna.

Għal din id-darba saħħa ħbieb. Aktar eżerċizzi fiżiċi fil-ħarġa li jmiss.



Y



Z

# Admissibility of Post-Hypnotic Testimony

By KIMBERLEY A. KINGSTON
Special Agent • FBI Academy • Legal Counsel Division
Federal Bureau of Investigation • Quantico, VA

PART II

**"... the admissibility of post-hypnotic testimony is contingent upon a showing that the hypnotically refreshed recall is reliable."**

*Law enforcement officers of other than Federal Jurisdiction who are interested in any legal issue discussed in this article should consult their legal adviser. Some Police procedures ruled permissable under Federal constitutional law are of questionable legality under State Law or are not permitted by law or are not permitted at all.*

The inaccuracies associated with hypnotic recall cannot, necessarily, be blamed on the individuals involved in the process. Rather, the inaccuracies are more often attributable to problems inherent in the hypnotic process itself, problems such as hypersuggestibility, hypercompliance, and confabulation.

### Hypersuggestibility

Hypnosis is a state of altered consciousness "marked by heightened suggestibility"[6] or hypersuggestibility. Thus, an individual in a hypnotic state is very open and responsive to suggestions made by the hypnotist. While this particular characteristic is what makes hypnosis a successful technique in both the medical and entertainment fields, hypersuggestibility presents a very serious problem when using hypnosis for investigative purposes. When using hypnosis to refresh the memory of a potential witness, there exists a very real danager that the subject will respond to suggestions made by the hypnotist, no matter how subtle or unwitting those suggestions may be. The unfortunate result is an inaccurately refreshed recollection based on a commingling of the subject's original observations and the suggestions received from the hypnotist.[7]

### Hypercompliance

Very closely related to hypersuggestibility is a characteristic of hypnosis known as hypercompliance—the hypnotized subject's overwhelming desire to please either the hypnotist or others who have urged him to undergo hypnosis.[8] Motivated by hypercompliance, it is not uncommon for a subject being questioned under hypnosis to suppress an appropriate response and respond, instead, in a manner that he believes is expected of him.[9] When the subject under hypnosis is a potential witness attempting to refresh his memory, and the individual he is seeking to please is a prosecutor or an investigator, it is not difficult to imagine the havoc hypercompliance could wreak on the subject's accurate recall.

### Confabulation

In a hypnotic state, a subject, already prone to hypersuggestibility and hypercompliance, will unconsciously invent facts in order to answer questions posed by the hypnotist, if the subject lacks adequate knowledge or memory to respond honestly to the inquiry. This process of articifically enhancing memory or "filling in the gaps" is called confabulation.[10]

Although hypersuggestibility, hypercompliance, and confabulation present serious problems when attempting to refresh the recollections of a witness through hypnosis, these problems are, by no means, unique to hypnosis. It is not uncommon for an individual who is overly anxious to assist in an investigation to engage in activities closely resembling hypersuggestibility, hypercompliance, and confabulation without the aid of hypnosis. However, many experts in the field of hypnosis contend that an additional feature of hypnosis puts the previously hypnotized witness in a class by himself. This distinguishing feature is the fact that a witness who admits to being uncertain of the accuracy of his recollections prior to hypnosis often becomes firmly convinced of the accuracy of his recollections after hypnosis, despite the fact that his recollections may include false memories induced by hypersuggestibility, hypercompliance, and confabulation.[11]

These problems inherent in the use of hypnosis were powerfully demonstrated in a laboratory test which involved instilling false guilt in experimental subjects through hypnosis. The subjects were so strongly convinced of their own guilt that they were unable to pass a subsequently administered lie detector test. Although completely innocent, the subjects' admissions of guilt registered as truths on the polygraph.[12]

## JUDICIAL ANALYSIS

Overwhelming as the problems inherent in the hypnotic process appear to be, some experts still believe the harmful effects of hypnosis can be minimized and are of the opinion that if proper precautions are taken, previously hypnotized witnesses can provide accurate courtroom testimony.[13]

**Footnotes**

[6]*People* v. *Gonzales*, 329 N.W. 2d 743, 746 (Mich. 1980).

[7]*Id. See also, State ex rel Collins* v. *Sup. Ct. for the County of Maricopa*, 644 P. 2d 1266, 1269 (Ariz. 1982).

[8]*Id.*

[9]*Id.*

[10]*See State ex rel Collins* v. *Sup. Ct. from the County of Maricopa*, 644 P. 2d 1266, 1270–71 (Ariz. 1982).

[11]*Supra* node 5, at 746, *See also*, *Commonwealth* v. *Kater*, 447 N.E. 2d 1190, 1197 (Mass. 1983).

[12]*Supra* note 10, at 1269, citing Margolin, "Hypnosis-enhanced Testimony: Valid Evidence or Prosecutor's Tool?" *Trial*, The National Legal News Magazine, October 1981, pp. 43–44. Although not all experts would concur with the results of this experiment, the court in *State ex rel Collins* relied on its validity, *supra* note 10.

[13]*See generally*, Reiser, *supra*.



# SAVITA

TA'

**TRIQ IR-REPUBBLIKA,**
**IL-BELT**

(ħdejn il-Bank of Valletta)

**Għall-aħjar Ilbiesi lesti, Tops, Ġgieget, Kowtijiet, Dbielet u ħafna oġġetti oħra ta' l-aħħar moda tan-nisa**

**bl-IRĦAS PREZZIJIET**

---

# concrete products ltd.

Manufacturers of Precast & Prestressed Concrete Products

**Telephone: 491529 – 441359 – Telex: MW 1275**



R.C. PIPES SIZE RANGE: 200mm, 600mm diameter



HOISTING IN POSITION OF PRESTRESSED HOLLOW CORE SLABS

SPECIAL OFFER

# THE MACMILLAN
## FAMILY ENCYCLOPEDIA

**A MULTI-VOLUME (21) ENCYCLOPEDIA ON THE MARKET**

- **SUPERBLY ILLUSTRATED THROUGHOUT**
- **CONTAINS 28,500 ARTICLES ON EVERY SUBJECT**

***Current U.K. Price £375*** ***OUR PRICE Lm70****

## AGIUS & AGIUS LTD.
### 40a, SOUTH STREET, VALLETTA

*This advert entitles you to a further discount of **Lm10** plus one copy **GUINNESS BOOK OF RECORDS 1987** edition, and the **MACMILLAN ONE VOLUME ENCYCLOPEDIA.**

HIRE PURCHASE TERMS AVAILABLE.

# A.C. BARTOLO LTD.

**68, St. Paul Street, Valletta – Tel: 229379**

**MANUFACTURERS' REPRESENTATIVES**

☐ **IMPORTERS** ☐ **WHOLESALERS** ☐ **RETAILERS**

***Stockists of a wide range of different qualities and colours of first class***

## INTERLININGS, SHOULDER PADS, SHIRT PRESENTATION MATERIAL & OTHER FABRICS (Fents & Piece Goods)

***We also accept orders for***

## QUILTED CAR SEAT COVERS

☐ ☐ ☐ VERY REASONABLE PRICES ☐ ☐ ☐

# PAĠNA GĦAT-TFAL

**MATERIAL YOU NEED (PAPER)**

Use any paper you may have around the house if it is the right color and not too heavy or too thin. You can even use white paper if you like, and color it with water colour paint or crayons. If you have no paper that will do for making flowers, buy crepe paper from the dime store. A fold of crepe paper the colour of the flowers you want to make and a fold of dark green crepe paper for the leaves and stem will do to start with.

**(WIRE)**

Buy a spool of fine wire at the dime store if you have none at home. You will need this for flower-stems and for winding around the parts of the flower to hold them together.

**● Try making a simple paper flower – an old – fashioned rose or a daffodil or a tulip. After a little practice you may find you want to go on and make many different and more difficult flowers.**

**You will find the instructions for making each flower or spray of flowers very simple. Follow them carefully. Make bouquets of flowers as gifts for your friend, or for centerpieces for your table, when you are having a party.**



**(PASTE)**

Use ordinary library paste that comes in tubes or jars for pasting paper edges together.

**(HOW TO WRAP THE LEAVE AND STEMS)**

Start wrapping the stem right under the flower and work downhard. Cut a strip of green paper 3/4 inch wide (across the grain if you use crepe paper). Hold the spool wire stem in your right hand picture I. Turn the stem between your fingers and let the paper, wrap itself evenly down a long the stem. When the stem is completely covered, cut the paper strip, and paste down. You can use florist's tape instead of paper if you like. This has an adhesive on one side and you can get it at any florist's shop.

## CHILDRENS' COMPETITION No. 2

### How Many Words Can You Make Out Of This Word?



**TELEPHONE**

**There are at least 48 words, each of 2 letters or more, that can be made out of the letters in the word TELEPHONE. If you fill in the lines below with 30 words, you're pretty good and win Lm3.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1.......... | 13.......... | 25.......... | 37.......... |
| 2.......... | 14.......... | 26.......... | 38.......... |
| 3.......... | 15.......... | 27.......... | 39.......... |
| 4.......... | 16.......... | 28.......... | 40.......... |
| 5.......... | 17.......... | 29.......... | 41.......... |
| 6.......... | 18.......... | 30.......... | 42.......... |
| 7.......... | 19.......... | 31.......... | 43.......... |
| 8.......... | 20.......... | 32.......... | 44.......... |
| 9.......... | 21.......... | 33.......... | 45.......... |
| 10.......... | 22.......... | 34.......... | 46.......... |
| 11.......... | 23.......... | 35.......... | 47.......... |
| 12.......... | 24.......... | 36.......... | 48.......... |

**SEND YOUR ANSWERS TO P.C. 512 MARTIN ELLUL AT THE POLICE LIBRARY POLICE HEADQUARTERS FLORIANA NOT LATER THAN 30th MAY, 1987.**

## Solution to Childrens' Competition No. 1

**(Issue January-February 1987)**

**ANSWERS:**

1. Spinach
2. Horse
3. Blue and Yellow
4. Canoe
5. Elephant
6. Thermometer
7. Peter Miniut
8. Hive
9. Moccasins
10. Calf

Winner of this competition is:

**FIONA GALEA**
**3, New Street,**
**St. Julian's.**

# *PAĠNA GĦAT-TFAL*

**HOW TO MAKE PAPER FLOWERS**

**(HOW TO SHAPE PAPER PETALS)**

Curling the edges. Hold the petal in your left hand. Hold a pair of blunt open scissors in your right hand, with your right thumb touching the front of the petal and the scissors blade touching the back (fig 2).



Draw the blade, not too heavily, up to the edge of the petal. You will see it curl (fig. 3).



**(HOW TO FLUTE OR RUFFLE THE EDGES OF PETALS).**

Some flowers have ruffled edges. To get this effect this is what to do; Take hold of the flower petal with the thumb and fore finger of each hand (fig. 4).



Bring the right hand slightly toward you and stretch the paper over the left thumb (fig. 5). Repeat all along the edge of the petal.



**(HOW TO CUP THE PETALS)**

Hold the petal with thumb and forefinger of both hands. Gradually stretch the petal, making it wider at the top or half-way up, or at the base, wherever you want it to have a cup shape (fig. 6).



In next issue:

**HOW TO MAKE PAPER OLD FASHIONED ROSES**

## CROSSWORD Nru. 1 – BI PREMJU TA' Lm5



**Mimdudin:**

1. Ħmerija (7)
3. Dan il-Magazine ta' dan il-Korp (7)
6. Jinstema' wara (3)
7. Idaħħluk fih mingħajr ma tinduna (5)
8. Annimal jew frattarija (3)
9. u 5. Weqfin. Tirrabja tinqabad fih (8)

**Weqfin:**

1. Dan il-kantant twieled Capri? (7)
2. Mhux għajta pjaċevoli (5)
4. Annimal taqsam minn fuqu? (5)
5. (Ara 9. Mimdudin)
7. Tagħmel dan minn xi ħaġa għal oħra (6)

**Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom lill-PC 512 M. Ellul, Police Library, G.H.Q., Floriana.**




# BENEFIT SHOE STORE

*LEADING HOUSE FOR FASHION SHOES*

52, ST. JOHN STREET,
36, MELITA STREET,
13, OLD TREASURY STREET,
VALLETTA.

TEL: 222668

THE CATERING CO-OP LTD. MALTA

# THE CATERING CO-OP LTD.

operators of

## Mc:BURGERS

*Freedom Square, Valletta. Tel. 222716*
*Bisazza Street, Sliema. Tel. 335319*

## Cafè De La Vallette

*City Gate, Valletta. Tel. 227704*

## M.V. GĦAWDEX

*Restaurant – Cafeteria*

OUTSIDE CATERING AND CANTEEN OPERATORS

# VICTOR BONELLO

186 Merchants Street
Valletta tel. 606820

BONELLO

super fine quality drapery

**made in Huddersfield England**



# BELZER ergoline

## *The Lightweight Handy Tools*



**The New
Generation of Tools.
Ergonomically perfect.
Prime Quality.**

The **ergoline** form designed by Professor Klose represents a development of ergonomic perfection. The construction of the tool being used as the extension of your hand is the result of most careful studies. A wide contact surface avoids pressure marks on your hand and the big rebounding surfaces prevent from slipping off. The forefinger/thumb-rest facilitates easy and heavy duty work. Ergonomically perfect design and **BELZER ergoline** quality the new generation of pliers made for craftsman and do-it-yourself people.

Trade Enquiries:
**JOSEPH BEZZINA & CO. LTD.**
42/47 Jetties Wharf, Marsa.
Tel. 620189/621515

***Made in Germany***



Kristu fl-Ort – Birgu. Statwa mlibbsa, li r-ras u l-idejn tagħha huma attribwiti lil famuż skultur Malti, Melkior Gafa.



Il-Monument – Mosta. Jiġbed l-ammirazzjoni ta' kull min iħares lejh.

# IL-MALTIN FIL-ĠIMGĦA MQADDSA

## *Minn ANTHONY ATTARD*

**● Kull fejn hemm il-kattoliċi, il-mewt u l-qawmien ta' Kristu huma mfakkra ta' kull sena permezz ta' diversi devozzjonijiet u drawwiet tul l-hekk imsejħa 'Ġimgħa Mqaddsa'. Għalina l-Maltin, jispikkaw l-aktar, il-purċissjonijiet li jsiru bil-vari fid-diversi bliet u rħula tagħna.**

Għal dawn il-purċissjonijiet, f'Malta u Għawdex għandna 20 sett ta' vari, li meta żżid magħhom l-istatwa ta' Rxoxt, jaqbżu l-190. Dawn jinsabu fl-ibliet u rħula li se nsemmi. Id-dati li jidhru warajhom hija s-sena li aktarx ħarġet fiha l-ewwel purċissjoni.

F'Malta bdiet dik tar-Rabat (1500), wara segwew Il-Belt (1635), Bormla (1694), Il-Birgu (1700), L-Isla (1719), Żebbuġ (1742), Żejtun (1750), Ħal-Qormi (1764), Ħal-Għaxaq (1820), Ħal-Luqa (1830), Naxxar (1833), Mosta (1866), Il-Għargħur (1866) u Raħal Ġdid (1944).

F'Għawdex hemm il-Bażilika ta' S. Ġorġ (1830) u l-Kattidral (1968) fil-Victoria, In-Nadur (1913), Ix-Xagħra (1914), Iż-Żebbuġ (1918) u x-Xewkija (1920). Fix-Xewkija ma toħroġx purċissjoni.

Il-purċissjonijiet mhux kollha joħorġu fil-Ġimgħa l-Kbira. Ħal-Għaxaq u Ħal-Għargħur, il-purċissjoni ssir f'Ħadd Il-Palm. Dawk tal-Victoria, Għawdex, jalternaw bejniethom il-Ġimgħa l-Kbira u min ma jkunx se joħroġ dak inhar, dik ta' S. Ġorġ toħroġ f'Ħamis ix-Xirka u tal-Kattidral toħroġ f'Ħadd Il-Palm.

Fl-antik ma kienx hemm dawn il-Vari kollha, u l-purċissjonijiet kienu jsiru bil-vara ta' Kristu Mejjet biss. Matul iż-żmien bdew jiżdiedu u fil-Belt bdew joħorġu purċissjoni fil-Ġimgħat tar-Randan. Jibdew bi Kristu fl-Ort u jispiċċaw bid-Duluri, ġimgħa qabel il-Ġimgħa l-Kbira. Din ta' l-aħħar għadha ssir sal-lum.

Xi wħud mill-vari ġew skolpiti fl-injam minn skulturi Maltin. Dawn jinkludu Il-Marbut, Il-Porpra u l-Irxoxt tal-Birgu xogħol Salvu Psaila (1798/1871). Il-Kolonna, Porpra u Redentur ta' Bormla skolpiti minn Pietru Pawl Azzopardi (1791/1875). Il-Kolonna tal-Belt hi xogħol Pietru Pawl ukoll. Fiż-Żejtun insibu l-Anġlu ta' l-Ort u l-Kolonna li huma ta' Xandru Farrugia (1781/1871). F'Għawdex insibu l-Kurċifiss tal-Vara l-Kbira u l-korp tal-Monument li nħadmu minn P.P. Azzopardi u Xandru Farrugia rispettivament, għal Bażilika ta' S. Ġorġ.

Il-parti l-kbira tal-Vari huma magħmula mill-kartapesta. Il-pijunier f'dan il-qasam kien Saver Laferla ( – /1761). Sal-lum għadna nistgħu naraw xi xogħol tiegħu fil-Belt (L-Ort, Il-Veronika u d-Duluri) u forsi wkoll Il-Kurċifiss tal-Vara l-Kbira fl-Isla. Warajh ġew Antonio Mifsud bix-xogħol tiegħu f'Ħaż-Żebbuġ u Peppi Vella (1802/1866) b'xogħol f'Ħal Għaxaq u Ħal Luqa. L-istatwarju li għandu xogħol imxerred ma' kważi Malta kollha hu bla dubju s-Senglean Karlu Darmanin (1825/1909).

Barra s-sett Mosti, wieħed mix-xogħlijiet sbieħ tiegħu hu l-Ort ta' Bormla, li hu differenti minn dawk ta' settijiet oħra. Kristu hu mimdud lura fl-art u miegħu flok anġlu wieħed hemm tnejn. Appena miet Karlozz, kif kien magħruf Darmanin, tfaċċa x-xogħol ta' Wistin Camilleri (1885/1979), li għalkemm f'Malta għandu xi xogħlijiet, il-biċċa l-kbira ta' sengħetu tispikka fis-settijiet Għawdxin.

# *IL-MALTIN FIL-ĠIMGĦA MQADDSA*

Ta' min isemmi wkoll lil Ġużeppi Caruana (1887/1973) u lil Ġlormu Dingli (1911/ – ), li għalkemm il-vari li għamlu mhux tant numerużi, m'humiex nieqsa middaqqa artistika li kellhom dawn iż-żewġ statwarji.

Statwarji li qed ikomplu jtuna xogħol sabiħ illum huma l-aħwa Għawdxin, Alfred u Michael Camilleri Cauchi. Ta' l-ewwel nistgħu ngħidu li ttrasforma s-sett Qormi u rrendieh wieħed millisbaħ. Tat-tieni għandu u għadu qed jagħmel diversi statwi f'Għawdex, fejn jispikkaw id-Duluri tal-Kattidral u dik ta' S. Ġorġ, kif ukoll l-Irxoxt tax-Xagħra u dak tan-Nadur.

Barra statwi tal-injam u tal-kartapesta nsibu wkoll oħrajn imlibbsa drappijiet mill-ifjen, li aktarx huma ta' oriġini spanjola. Din id-drawwa f'Malta f'Malta qegħda fil-Birgu biss. F'Għawdex tinstab f'S. Ġorġ, fil-Kattidral kif ukoll iż-Żebbuġ. Xi wħud minn t'Għawdex imlibbsin anke parrokka.

Għalkemm fil-purċissjonijiet tal-lum għadek tara fratelli b'wiċċhom mgħotti, u b'sinjal ta' penitenza jkaxkru l-Ktajjen jew jerfgħu xi salib tqil, minn wara l-gwerra, kotrot id-drawwa ta' oħrajn li jirrappreżentaw persunaġġi mill-antik testment, b'konnessjoni jew tixbieha mal-Passjoni. Tolqtok id-dehra ta'



## PURĊISSJONIJIET LI JATTIRAW ELUF TA' MALTIN U BARRANIN

Abram mat-tfajjel Iżakk, lest għas-sagrifiċċju. Il-figura ta' Gona bil-ħuta, Pilatu, Ġuda Skarjota, Nikodemu u oħrajn, li bl-ilbies kulurit u fin tagħhom, qed donnhom jittrasformaw il-purċissjoni tradizzjonali f'pageant, b'ċertu xebħ ma' dawk li jsiru f'xi bliet Ewropej.

Purċissjoni li kull ma tmur qed iżżid fil-popolarità hi dik ta' Ħadd il-Għid, bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt. F'dawn l-aħħar snin, żdiedu dawk taż-Żejtun u Gżira f'Malta, u x-Xagħra, in-Nadur u San Ġorġ f'Għawdex.

L-aktar brijużi huma dawk li joħorġu fil-għodu mill-Kottonera. Il-marċi mill-baned u l-ġiri bl-istatwa ta' Rxoxt mat-toroq, inisslu ċertu allegrija f'min imur jarahom, speċjalment it-tfal, li għalkemm sfortunatament, qed jabbandunaw il-figolla tradizzjonali, xorta għadhom joħorġu b'xi ġugarell modern, b'xi bajda taċ-ċikkulata marbuta miegħu.

Għalkemm iż-żmien jgħaddi u ċerti drawwiet inqatgħu mill-ħajja tagħna l-maltin, il-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa għadhom jiġbru numru kbir ta' nies. Jalla jibqgħu hekk, għax min jaf kemm hawn nazzjonijiet akbar minna li jixtiequ jagħmlu xi ħaġa bħalna, u għal xi raġuni jew oħra ma jistgħux. Prova ta' dan huma l-kummenti favorevoli li jagħmlu t-turisti li jkunu hawn f'dawk il-jiem.







**(1) Id-Duluri – Valletta**
**(2) Abraham ma' Isaac – Qormi.**
**(3) "Ecce Homo" – Valletta.**
**(4) Kristu Rxoxt – Qormi. Espressjonijiet fl-iskultura u finezza fil-ħwejjeġ li bilfors idaħħluk f'sens ta' meditazzjoni.**

# Legal Notes

**By Dr. Vincent A. DeGaetano**
**LL.D., Dip. CRIM (CANTAB)**

**• Slight bodily harm and voluntary damage to property – proceedings instituted by the police ex-officio – effect of waiver of complaint by the injured party.**

Vella, Attard, Cordina and Bajada were changed before the Court of Magistrates of Judicial Police for the Islands of Gozo and Comino with inflicting slight bodily harm on the persons of Georgina Vella and Joseph Fenech; causing voluntary damage to the property of George Grech; disturbing the response of the inhabitants at night time in terms of s. 352(m) of the Criminal Code; and with breach of the peace in terms of s. 352(bb) of the said Code.

S. 235 of the Criminal Code provides:

(1) A bodily harm which does not produce any of the effects referred to in the preceding sections of this sub-title, shall be deemed to be slight, and shall be punishable with imprisonment for a term not exceeding three months, or with a fine **(multa)**.

(2) In the cases referred to in subsections (1) and (3) of this section, proceedings may not be taken except on the complaint of the injured party....

S. 339 provides:

Whosoever, by any means other than those referred to in the proceding sections of this sub-title shall wilfully commit any spoil, damage or injury to or upon any moveable or immovable property belonging to any other person shall, on conviction, be liable.... (c) if the amount of the damage does not exceed fifty pounds but exceeds ten pounds to imprisonment for a term not exceeding six months... provided... that in the cases referred to in paragraphs (c) and (d), except where the damage is caused to public property, proceedings may be instituted only on the complaint of the injured party.

In the course of proceedings before the Magistrates' Court, Georgina Vella, Joseph Fenech and George Grech waived their complaints against the four accused in terms of s. 539 of the Criminal Code. The Court therefore abstained from taking further cognizance of the charges of slight bodily harm and voluntary damage to property and found accused guilty only of disturbing the repose of the inhabitants at night time and of breach of the peace.

The Attorney General appealed.

The Court of Criminal Appeal, in allowing the appeal, held:

(a) the offences of slight bodily harm and voluntary damage to property were within the jurisdiction of the Court of Judicial Police as a Court of Criminal Judicature, as the punishment for either offence did not exceed six months imprisonment;

(b) s. 385 of the Criminal Code provides:
As regards offences within the jurisdiction of the Court of Judicial Police, the prosecution shall lie with the injured party or with the persons mentioned in section 536 on behalf of such party, where proceedings cannot be instituted except on the complaint of the injured party: Provided that if the offence in respect of which no prosecution may be instituted except on complaint of the injured party, is aggravated by public violence or is accompanied with any other offence affecting public order, or if, in the absence of any such circumstances, the injured party shall fail to institute proceedings and shall not have expressly waived the right to prosecute within four days from the commission of the offence, it shall be lawful for the Executive Police ex officio to institute proceedings in respect of the offence.

(c) in the cases contemplated in the proviso to s. 385, the criminal action becomes a public action and the waiver of the complaint by the injured party has no effect on the said action (**The Police v. Caterina Farrugia** Criminal Appeal, 23 February 1957, and **The Police v. Karmenu Cassar** Criminal Appeal, 21 April 1945, followed);

(d) in the present case not only where the offences of slight bodily harm and voluntary damage to property accompanied by offences affecting public order (disturbing the repose of the inhabitants at night time and breach of the peace), but the injured parties had not instituted private proceedings nor expressly waived the right to prosecute within four days as laid down in the proviso to s. 385.

The Court of Criminal Appeal found all four respondents guilty also of the charges of causing slight bodily harm and voluntary damage to property.

**The Police v. Adelina Vella, Lawrence Attard, Maria Cordina and Joseph Bajada** Court of Criminal Appeal, 27 November, 1986.



# DEL SHANNON STORY

**• DEL SHANNON cut his biggest hits more than 20 years ago. But if Del were to start fresh today, an unknown as he was in 1961, and if he were to cut the same songs that made him a star in the 60's, chances are he would once again catapult to stardom. This quality of timelessness is perhaps the highest compliment one can pay an artist.**

## MID-DINJA MUŻIKALI

**– TAGĦRIF MIĠBUR MIS-Sgt. CHARLES MARSH**



'Runaway', "Hats Off To Larry', 'Little Town Flirt", "Stranger In Town", "Do You Wanna Dance", "Keep Searchin", (We'll Follow The Sun), "Handy Man". These are songs that stick in the mind, songs that have been and continue to be integral parts of rock and roll. Del established these tunes as classics in some cases, covered other artist's versions and enhanced them in others. In all cases he made them his.

Del's beginnings were inauspicious enough. Born Charles Westover in Grand Rapids, Michigan on December 30, 1939, he dreamed like many other youngsters of the 50s, of being a rock star. Taking up guitar at 14, he played in local bands until he entered the Army in 1957. Sharpening his skills in many Army musical productions, Del once again took up the life of a would-be singing star following his discharge.

### HIS FIRST APPEARANCE

While performing at a local Michigan dance, disc-jockey Ollie McLaughlin of WHRU in Detroit spotted the young singer and touted him to executives of New York's big top records. Del was flown to New York, and he cut some sides. One of these sides was 'Runaway', a welcome relief from the formula rather bland rock of the day. 'Runaway' with its plaintive teenage story, wild falsetto vocals and tense instrumentals backing shot to the number one spot in the nation's rock charts in February, 1961. Shannon, who had also written the song was off and running.

Far from being a one hit wonder (which was not a particularly uncommon phenomena in rock's formative years), Del followed in May, 1961 with 'Hats Off To Larry", another distinctive sounding single that reached the rock listing's number 5 slot. "Little Town Flirt" touched down at 12 in December 1962. The Beatles and the rest of the British musical invasion landed full force in 1964 and wiped many American hitmakers, off the musical maps. Shannon however, was not affected. He cleverly took a song that has recently hit for Jimmy Jones and did it up Del Shannon style. Handy Man reached number 22 in July, 1964.

### KEPT ON GOING

Del followed with a successful chartmaking cover of Bobby Freeman's "Do You Wanna Dance" and in November of 1964 he exploded back into the top 10 with "Keep Searchin" (We'll Follow The Sun), a teen anthem that has become an all time popular oldie. "Stranger In Town" was another top 30 single in 1965. At his peak in the early and mid 60s, Del Shannon was a genuine superstar. He anticipated a new sound in rock and roll, an electric, frantic sound that soon became 'the' sound. He was a singer-songwriter. He anticipated the universal interest in country music that bloomed in the 70s, by cutting an LP of Hank Williams songs in the '60s. He recorded a Beatles tune before most of the world had heard of them. He wrote for other stars. He became an international star, handling tours in such diverse locals as England and the Philippines. He was Britain's most popular male vocalist in 1962 and 1963 according to several trade papers.

What of Del Shannon today? Well, Jeff Lynne, leader of the supergroup Electric Lights Orchestra recently produced some material for Del. And it is no accident that Bonnie Raitt, Narvel Felts and others have cut 'Runaway', and that James Taylor just hit the top 10 with 'Handy Man'. Del Shannon was a star. He is still a star.

# KOTBA LI JINSABU GĦALL-BEJGĦ FIL-LIBRERIJA TAL-PULIZIJA



**KODIĊI KRIMINALI**
Lm2 Membri tal-Korp

**KODIĊI TA' LIĠIJIET TAL-PULIZIJA**
Lm2 Membri tal-Korp

**KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI**
Lm3.50 Membri tal-Korp

**F'ĠIEĦ IL-ĦAQQ — Book I**
Lm1 Membri tal-Korp

**F'ĠIEĦ IL-ĦAQQ — Book II**
Lm1 Membri tal-Korp

**Ġabra ta' Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) 1976-1978.**
(Magħżulin u miġburin mill-Onor. Imħallef Joseph A. Filletti B.A., LL.D. għall-prezz ta' Lm2.80c.


## TBISSEM FTIT

**MEWTA FINA!**
Jekk inti trid iġġennen (jew teħles) minn martek ... titkellimx waqt l-irqad – oqgħod tbissem biss!

* * *

**AJMA!**

– "Aqtali l-kurżita", staqsiet Nena lis-Sur Anġ, "Jaqaw dieħel għal xi kompetizzjoni tad-disco?".

– Anġ: "U x'ġegħlek taħseb dan?".

– Mena: "Għax il-bieraħ waqt li kont qiegħda nonxor, rajtek tagħqad u ddur u titgħawweġ fil-bitħa tiegħek. Oqgħod attent, Sur Anġ, ftakar li m'għadniex żgħar daqs li konna".

– Sur Anġ: "U x'kompetizzjoni, min jisimgħek, ara taqax xi mazza bħal ma kelli jien f'idi ... fuq saqajk, ħa tara jaħsbukx Mena Travolta!".

**TAL-PUNT**
Xufier ta' karozza tal-Linja, f'nofs vjaġġ lejn il-Mellieħa, waqqaf fuq Stage u niżlet mara. Raġel tela' fuq li staffa biex jirkeb...

– "Full Up, Mr," għajjat ix-xufier.

Ir-raġel baqa' dieħel.

– "Mela ma tifhimx bil-Malti, Mr!"

* * *

**PILLOLI TA' L-IRQAD**
– Tabib: Għamilt kif kont għedtlek, u qagħadt tgħodd sakemm jiġik in-nagħas?

– Pazjent: Iva, Dott, għoddejt sal-25,000 u tassew għajjejt.

– Tabib: Naturalment, imbagħad irqadt, hux hekk?

– Pazjent: X'irqadt! Kien diġà sebaħ u kelli noħroġ għax-xogħol!

**XARABANK**
Ġuvni ried jaqbad ma' tfajla li nzertat bilqegħda ma' ġenbu.

– "Miss," pespsilha f'widnejha "jimporta jekk indaħħan?"

– "Tista' tinħaraq kollox kemm int," weġbitu kalma kalma.

* * *

**ŻBALL!**
Skrivan: Milli nista' nara, sinjura, deċiża li ma tħallsux dan il-kont tat-telephone.

– Mara: Deċiża fuq li jien deċiża.

– Skrivan: Allura dawn il-187 telefonata fuq dan il-kont min se jħallashom?

– Mara: Dak affarik ... għax jien l-anqas telephone m'għandi d-dar!

ORTSPORTSPORTSPORTS
PORTSPORTSPORTSPORT
TSPORTSP **P.S. 429 Ronald Cilia** TSPO

# POLICE CHRISTMAS K.O. SHIELD 1986



Fil-ħarġa ta' dan il-Magazine ta' Jannar-Frar 1987, tajna tagħrif dwar il-logħob tal-Quarter-Finals ta' din in-K.O. bejn it-teamijiet tad-District No. 1/2 vs. S.M.U./Mobile (0-3), District No. 3 vs. M.T. Section/Traffic (3-0), u C.I.D./S.B. vs. District No. 4 (1-0). Illum se nkompli nagħti tagħrif dwar il-kumplament tal-Quarter-Finals, is-Semi-Finals u l-Final.

**QUARTER FINAL**

**G.H.Q./DOG SECTION ........1**
**DISTRICT NO. 5/6 ..............4**

**Formazzjonijiet:**

G.H.Q./DOG SECTION – P.C. 1263 S. Cosby, P.S. 442 R. Zammit, P.C. 33 A. Chircop, P.C. 93 A. Sammut, P.C. 512 M. Ellul, P.C. 217 P. Dibbon, P.C. 765 S. Attard, P.C. 607 J. Camilleri, P.C. 103 J. Scicluna, P.C. 556 A. Cassar, P.C. 1102 R. Everest, P.C. 674 J. Muscat, P.C. 927 D. Grech, P.C. 882 J. Falzon.

DISTRICT NO. 5/6 – P.S. 1306 T. Scerri, P.C. 659 R. Falzon, P.C. 1220 A. Agius, P.C. 740 J. Agius, P.S. 500 L. Mallia, P.C. 756 J. Camilleri, P.C. 257 J. Gauci, P.S. 567 T. Bajada, P.C. 722 C. Grech, P.C. 794 A. Camilleri, P.C. 895 M. Bonnici, P.C. 610 L. Grima, P.C. 453 J. Camilleri, P.C. 1282 C. Muscat.

Għal din il-logħba it-team tad-District No. 5/6 niżel għal din il-logħba b'formazzjoni komposta minn players Maltin u Għawdxin fejn tnejn minn dawn ta' l-aħħar spiċċaw biex kienu l-protagonisti tal-logħba għaliex l-aħjar żewġ players tagħhom P.S. 567 T. Bajada u P.C. 610 L. Grima spiċċaw l-iscorers ta' l-erbgħa goals tad-District NO. 5/6. It-team tal-G.H.Q./DOG SECTION kellu ftuħ tajjeb għaliex wara biss ħames minuti fetħu l-iscore permezz ta' P.C. 217 P. Dibbon, li għal din il-logħba lagħab fil-pożizzjoni insolita tiegħu ta' right wing. Il-goal irriżulta minn back/pass ħażin ta' P.C. 1220 A. Agius fejn daħal P.C. 217 P. Dibbon u qabbeż il-ballun minn fuq il-goaler. Wara dan il-goal kien hemm reazzjoni tajba minn naħa tat-team tad-District No. 5/6 fejn xutt ta' P.S. 567 T. Bajada ħabat mal-lasta.

L-ewwel goal għat-team tad-District No. 5/6 wasal mill-istess P.S. 567 T. Bajada li wara li rċieva through pass qabbeż il-ballun minn fuq il-goaler P.S. 1263 S. Cosby u daħal P.S. 442 R. Zammit li kklerja l-ballun li laħaq qabeż il-linja fatali biex ġab id-draw. Wara dan il-goal it-team tad-District No. 5/6 baqa' jagħfas għall-goal tar-rebħa li wasal ftit wara meta l-istess P.S. 567 T. Bajada daħal tajjeb għal cross mil-lemin u fajjar xutt li P.C. 1263 S. Cosby ma ħatafx bil-ballun jgħaddi bejn idejh u jispiċċa fix-xibka. Goal ieħor wasal mill-player l-ieħor Għawdxi



*It-team tad-District No. 5/6.*



*It-team tad-District No. 3.*

# ATTARD BROS. CO. LTD.

## TA' QALI – Tel: 486980/621456



# BEJGH U ĠARR TA' MATERJAL

- Qatran tal-filata
- Waterproofing membrane
- Xibka mwassla bil-'high-up'
- Vireg u stirrups
- Katusi u fittings
- Siment
- Ġarr ta' torba
- Taħmil ta' plots
- Kiri ta' cranes u scaffolding

# Yet more satisfied clients



**Making people happy should be everybody's busines. That is our objective. That is why the service we give is unique.**

## Grech Alexander

114, THE STRAND, GZIRA. TEL. 336663, 513691, 336941, 338197



*It-team tas-CID/SB.*



*It-team tal-SMU/Mobile.*

P.C. 610 L. Grima li wara li rċieva clearance minn wara ta' P.S. 500 L. Mallia ħarab waħdu u wara li qabeż lil P.S. 442 R. Zammit ta xutt li qarraq bil-goaler P.C. 1263 S. Cosby. Fl-aħħar minuta tal-logħba P.S. 567 T. Bajada għaqqad ħat-trick meta skorja r-raba' goal għat-team tiegħu biex għaddew għat-tieni fażi tan-K.O. flimkien mat-teams tal-S.M.U./Mobile, District No. 3 u C.I.D./S.B.

**SEMI-FINAL**
**DISTRICT NO. 5/6 .......... 2**
**C.I.D./S.B. .................. 4**

**Formazzjonijiet:-**

DISTRICT NO. 5/6:- P.S. 1306 T. Scerri, P.C. 659 T. Falzon, P.C. 1220 A. Agius, P.C. 740 J. Agius, P.S. 500 L. Mallia, P.S. 589 A. Deguara, P.C. 756 J. Camilleri, P.C. 257 J. Gauci, P.S. 567 T. Bajada, P.C. 722 C. Grech, P.C. 794 A. Camilleri, P.C. 895 M. Bonnici, P.C. 610 L. Grima, P.C. 1282 C. Muscat.

C.I.D./S.B.:- P.C. 809 V. Vella, P.S. 713 M. Trapani, P.C. 650 N. Bartolo, P.C. 314 J. Grima, P.S. 1199 A. Sammut, P.S. 673 J. Mallia, P.C. 413 J. Incorvaja, P.C. 601 F. Zammit, P.C. 690 C. Pace, P.C. 959 G. Grech, P.S. 1401 J. Pisani, P.C. 547 M. Agius, P.S. 621 P. Calleja, P.S. 578 M. Saliba, P.C. 948 J. Muscat, P.C. 874 P. Sammut.

L-ewwel logħba miż-żewġ Semi-Finals intlagħbet bejn it-team tad-District No. 5/6 u dak tas-C.I.D./S.B. Din il-logħba żvolġiet f'waħda ferm kumbattuta għaliex wara li ż-żewġ teamijiet spiċċaw fi draw ta' 1-1 wara l-ħin barrani kellna nassistu għall-għoti tal-penalties biex jiġi deċiż l-ewwel finalista tal-Police Christmas K.O. Shield.

Iż-żewġ goals tal-partita ġew skurjati fit-tieni taqsima meta l-ewwel li fetħu l-iscore kienu t-team tad-District 5/6. Free kick mogħti minn P.S. 500 L. Mallia li sab żmarkat lil P.C. 610 L. Grima li wara ġirja sabieħa ġie waħdu quddiem il-goalkeeper u tefa' l-ballun fir-rokna tax-xibka. Wara ftit tal-ħin it-team tas-C.I.D./S.B. ġab id-draw minn daqqa ta' ras ta' P.C. 959 Godwin Grech wara li ftit qabel kellu goal imħassar mir-referee għal offside. Il-ħin normali għalaq bl-iscore ta' 1-1 u għalhekk kellu jingħata l-ħin barrani li minnu ma rriżulta xejn għaliex l-iscore baqa' l-istess.

Hawnhekk ir-referee ordna li jingħataw il-penalties fejn it-team tas-C.I.D./S.B. skorja tlieta kontra l-wieħed tat-team tad-District No. 5/6. Il-penalties irriżultaw hekk:

**C.I.D./S.B.**
P.C. 314 J. Grima – Skorja
P.S. 673 J. Mallia – Skorja
P.S. 1199 A. Sammut – Tefa' barra
P.C. 809 V. Vella – Skorja

**DISTRICT NO. 5/6**
P.C. 740 J. Agius – Tefa' barra
P.S. 500 L. Mallia – Ballun mal-lasta
P.S. 610 L. Grima – Skorja
P.S. 589 A. Deguara – Tefa' barra.

Ma kienx hemm bżonn li jingħata l-ħames penalty għaliex bl-iscore ta' 4-2 it-team tas-C.I.D./S.B. għadda għall-finali tal-K.O.

**SEMI-FINAL**
**DISTRICT NO. 3 ............ 0**
**S.M.U./MOBILE ........... 5**
**Formazzjonijiet:-**

DISTRICT NO. 3:- P.S. 229 L. Barry, P.C. 677 J. Pace, P.C. 137 R. Bonnici, P.C. 25 M. Mallia, P.C. 1318 L. Buttigieg, P.C. 585 J. Calleja, P.C. 208 L. Mintoff, P.C. 683 M. Caruana, Inspr. D. Attard, P.C. 832 A. Cassar, P.C. 320 C. Parnis, P.C. 1014 A. Curmi, P.C. 1231 J. Spiteri, P.C. 842 A. Vassallo, P.S. 373 P. Ciantar.

S.M.U./MOBILE:- P.C. 712 M. Fabri, P.C. 996 R. Pisani, P.C. 140 C. Saliba, P.C. 366 E. Pisani, P.S. 496 G. Borg, P.C. 600 V. Upton, P.C. 1119 P. De Raffaele, P.C. 960 J. Scerri, P.C. 811 V. Busuttil, P.C. A. Barbara, P.C. 559 J. Mulvaney, P.C. 875, C. Vella, P.C. 182 G. Grech, P.C. 1030 S. Mallia.

Kif jindika r-riżultat din il-logħba, it-team tad-District No. 3 ma kellu ebda risposta għall-ħeffa u veloċità tat-team tal-S.M.U./Mobile li bi players żgħażagħ elimina lit-team avversarju biex flimkien mat-team tas-C.I.D./S.B. qata' passaġġ faċli għall-final tan-K.O. Il-goals ta' din il-logħba ġew skurjati minn P.C. 960 J. Scerri, P.C. 1119 P. De Raffaele u hat-trick ta' P.C. 559 J. Mulvaney.

## Police Christmas Shield KO Final 1986.

**Marsa Sports Ground fid-19 ta' Diċembru, 1986.**
**Referee:** Is-Sur Edwin Borg.

**C.I.DI/S.B. ................. 0**
**S.M.U./MOBILE ............ 1**

**Formazzjonijiet:-**

S.M.U./MOBILE: P.C. 712 M. Fabri, P.C. 996 R. Pisani, P.C. 140 C. Saliba, P.S. 496 G. Borg, P.C. 366 M. Psaila, P.C. 1010 M. Vassallo, P.C. 600 V. Upton, P.C. 559 J. Mulvaney, P.C. 1119 P. De Raffaele, P.C. 811 V. Busuttil, P.C. 960 J. Scerri, P.C. 281 P. Micallef, P.C. 1036 S. Mallia, P.C. 967 A. Barbara, P.C. 875 C. Vella.

C.I.D./S.B.:- P.C. 809 V. Vella, P.C. 650 N. Bartolo. P.C. 713 M. Trapani, P.C. 314 J. Grima, P.S. 1199 A. Sammut, P.S. 673 J. Mallia, P.C. 1041 P. Cassar, P.C. 578 M. Saliba, P.C.





Fuq: It-team tal-SMU/Mobile, ferħanin wara r-rebħ tax-Shield. Lemin: Id-Deputat Kummissarju tal-Pulizija, A. Mifsud Tommasi, jippreżenta x-Shield lil Captain tat-team SMU/Mobile, rebbieħa tat-Tournament.

## POLICE CHRISTMAS K.O. SHIELD 1986

874 P. Zammit, P.C. 601 F. Zammit, P.S. 1401 J. Pisani, P.C. 547 M. Agius, P.C. 948 J. Muscat, P.C. 413 J. Incorvaja, P.S. 621 P. Calleja, P.C. 959 G. Grech.

Din il-final tal-Police Christmas K.O. Shield 1986, ġiet milgħuba bejn l-aktar żewġ teamijiet konsistenti li ħadu sehem f'din il-kompetizzjoni. Iż-żewġ teamijiet kienu komposti minn players żgħażagħ flimkien ma' l-esperjenza ta' xi players aktar anzjani.

Il-logħba rriżultat f'waħda ferm kumbattuta bil-goal li ddeċieda l-partita jasal wara ħames minuti logħob meta P.C. 960 J. Scerri għat-team tal-S.M.U./MOBILE sab ix-xibka avversarja b'xutt mill-ewwel.

Fl-ewwel taqsima t-team tas-C.I.D./S.B. ġieh ċans tajjeb li jġib id-draw meta P.S. 1199 A. Sammut illobja xutt lejn il-lasta bil-ballun jaħbat mal-lasta l-mimduda u jerġa' jidħol fil-ground fejn P.S. 621 P. Calleja bir-ras reġa' ndirizza l-ballun lejn il-lasta u P.C. 712 M. Fabri fil-lasta ta' l-S.M.U./Mobile tar minn tulu biex evita goal ċert.

Għall-kumplament tal-logħba ż-żewġ teamijiet ippruvaw minn kollox biex isibu x-xibka avversarja però l-iscore baqa' l-istess biex it-team tal-S.M.U./Mobile ġie dikjarat rebbieħ ta' l-ewwel Police Christmas K.O. Shield.

Fi tmiem il-logħba ż-żewġ teamijiet ġew ippreżentati b'midalja ta' tifkira u l-Captain tat-team tal-S.M.U./Mobile P.C. 366 E. Psaila ġie ppreżentat bix-Shield mid-Deputat Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Anthony Mifsud Tommasi.

# FIREARMS

•Continued from page 6

### Miscellaneous Webley Models 1898 – 1914

One difficulty with the firm of Webley is the extent of the range of their revolvers. Almost every year from 1870 to 1910, another model of a change to an existing model appeared on the market. Some were sold in quantity, some disappeared sone after, but all contributed in one way or another to the refinement of design, and all were made to the same high standards associated with the name of the company.

### Webley Pocket Revolvers Webley Pocket Hammarless Model 1898

In 1898, Webley produced a small break-action six-chambered ·320 pocket revolver with a concealed hammer. The barrel was 3 inches long, and the butt was steeply curved. It weighed 18 oz., which somewhat detraced from its maker's claim that it was ideal for the pocket, but within those fairly generous weight limits, it was a very well made and reliable weapon. Above the hammer shroud there was a small sliding safety catch, and the barrel was held by a simplified latch which incorporated a backsight notch.

### Webley Pocket Hammer Model 1901

The 1901 version of the W.P. (Webley Pocket) reverted to a more normal hammer and had an even simpler barrel latch. In this model, the latch had no thumb catch and was serrated on the top so that it could be pulled open with the thumb. This refinement was than introduced on the hammerless version also. Surpisingly these pistols continued to be sold until 1934, in both versions.

### Double Barreled Under And Over Pistol 1890

This pistol is an oddity in the Webley series, though the firm did not make a similar weapon in the 1870s in a variety of calibres. There is little evidence to show it was successful and its revival 20 years later is interesting. The pistol was made in ·450 calibre with a pair of 3 inch barrels, machined from the solid and rotating in a clockwise directiion on a central pin. The barrels were turned by hand and locked by a small spring loaded lug. The model is a great rarity and it must be assumed that it was not a commercial success.


AIRMALTA
We promise you
a warm welcome.

# Open a Current Account with the Bank of Valletta






A current account with the Bank of Valletta saves so much time and trouble.

The Bank of Valletta is its only Bank in Malta that does not charge Ledger Fees.

Your money is safe and the signing of a cheque neatly covers bills and purchases.

For your convenience and safety –

**Open a current account with the Bank of Valletta.**

**Bank of Valletta Limited, Malta**

*For a Better Service*